IL-KUMMISSJONI EWROPEA

Brussel 16.12.2010
KUMM(2010) 775 finali

2010/0373 (COD)

.

Proposta għal

REGOLAMENT TAL-PARLAMENT EWROPEW U TAL-KUNSILL

li jistabbilixxi rekwiżiti tekniċi għat-trasferimenti ta' kreditu u debiti diretti bl-euro u li jemenda r-Regolament (KE) Nru 924/2009

(Test b'rilevanza ŻEE)

SEG(2010) 1583 finali
SEG(2010) 1584 finali
SEG(2010) 1585 finali

MEMORANDUM TA' SPJEGAZZJONI

1. KUNTEST TAL-PROPOSTA

Raġunijiet għall-proposta u l-għanijiet tagħha

Il-proposta preżenti għandha tiġi kkunsidrata fil-kuntest tal-ħolqien ta' Suq Intern għal servizzi tal-pagament bl-euro (Żona Unika ta' Pagamenti bl-Euro jew SEPA) fejn ikun hemm kompetizzjoni effettiva u l-ebda differenza fir-reġim bejn il-pagamenti transkonfinali u nazzjonali, biex b'hekk jonqsu l-kostijiet u jiġu pprovduti benefiċċji sinifikanti għal ekonomija Ewropea usa'. Is-SEPA se tipprovdi liċ-ċittadini u n-negozji Ewropej b'servizzi ta' pagamenti bl-euro bi prezzijiet kompetittivi, faċli li jintużaw u affidabbli, u se tipprovdi pjattaforma għall-iżvilupp ta' innovazzjoni relatata mal-pagamenti.

Għalkemm appoġġjata ħafna kemm mill-Kummissjoni Ewropea kif ukoll mill-Bank Ċentrali Ewropew, is-SEPA kienet oriġinarjament inħolqot bħala proġett primarjament xprunat mis-suq. Skemi fl-Unjoni kollha għal trasferimenti ta' kreditu u debiti diretti tfasslu u ġew implimentati mill-Kunsill Ewropew tal-Pagamenti (EPC), korp deċiżjonali u ta' koordinazzjoni stabbilit mis-settur bankarju Ewropew biex joħloq is-SEPA. Madankollu, meta wieħed iqis ir-rati baxxi attwali tal-migrazzjoni, hemm għarfien dejjem jiżdied mill-kategoriji kollha tal-partijiet interessati li tista' tkun meħtieġa data finali li tkun legalment vinkolanti sabiex il-proġett jitlesta b'suċċess.

L-integrazzjoni sħiħa tas-suq tal-pagamenti tinkiseb biss hekk kif strumenti tal-pagament għall-Ewropa kollha jieħdu post l-istrumenti nazzjonali tradizzjonali għal kollox. Sabiex jinkiseb dan l-għan, dan ir-Regolament jistabbilixxi d-dati finali tal-migrazzjoni għat-trasferimenti tal-kreditu u d-debiti diretti bl-euro.

Kuntest ġenerali

Fit-28 ta' Jannar 2008, tnieda t-Trasferiment tal-Kreditu tas-SEPA (SCT). Kważi sentejn wara, fit-2 ta' Novembru 2009, it-tnedija tad-Debitu Dirett tas-SEPA (SDD) immarka t-tieni pass kruċjali fil-mixja lejn it-twettiq tas-SEPA permezz ta' skemi għall-Unjoni kollha.

Sistemi ta' pagamenti sikuri u effiċjenti huma kruċjali għat-twettiq ta' tranżazzjonijiet ekonomiċi u għall-funzjonament tajjeb tas-Suq Intern. L-euro bħala munita komuni ffaċilitat il-pagamenti bi flus kontanti bejn l-Istati Membri sa mill-2002. Madankollu, l-istrumenti tal-pagamenti elettroniċi fl-Unjoni kollha għad fadlilhom ħafna biex jieħdu post il-pagamenti nazzjonali għal diversi raġunijiet. L-inċertezza prevalenti fis-suq, il-klima ekonomika ġeneralment diffiċili, l-iżvantaġġi għal dawk li jaġixxu l-ewwel f'netwerk ta' negozji, il-perċezzjoni ta' nuqqas ta' ċertezza legali dwar mudell kummerċjali xieraq għaż-żmien fit-tul biex l-SDD jissodisfa għal kollox ir-regoli tal-kompetizzjoni tal-UE u l-kostijiet dupplikati għat-tħaddim tas-sistemi tal-pagamenti tas-SEPA u dawk tradizzjonali wasslu biex ħafna parteċipanti fis-suq, b'mod speċjali min-naħa tal-provvista jitolbu għal leġiżlazzjoni tal-UE li tistabbilixxi data finali għall-bidla lejn is-SEPA. Żewġ Riżoluzzjonijiet tal-Parlament Ewropew[1] enfasizzaw ukoll il-ħtieġa u l-vantaġġi ta' data finali għall-migrazzjoni, l-istess

[1] http://www.europarl.europa.eu/sides/getDoc.do?pubRef=-//EP//TEXT+TA+P7-TA-2010-0057+0+DOC+XML+V0//MT

bħal ma għamlu l-konklużjonijiet tal-Kunsill tal-ECOFIN[2] li stiednu lill-Kummissjoni biex b'kollaborazzjoni mill-qrib mal-BĊE twettaq valutazzjoni bir-reqqa. Skont l-Artikolu 127 tat-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea, il-BĊE (SEBĊ) għandu l-kompitu bażiku li jippromowovi l-operat tas-sistemi tal-pagamenti mingħajr problemi. F'dan il-kuntest, il-BĊE kellu rwol importanti fil-provvista ta' gwida biex is-suq jiżviluppa s-SEPA.

Sentejn wara t-tnedija tat-trasferiment tal-kreditu bis-SEPA, l-għadd ta' trasferimenti tal-kreditu bis-SEPA pproċessati permezz ta' mekkaniżmi tal-ikklerjar u s-saldu li jinsabu fiż-żona euro għadu ma laħaqx il-livell ta' 10%. Estrapolazzjoni lineari tar-rata attwali tal-migrazzjoni tas-SCT ta' 9.3 % (minn Awwissu 2010), tissuġġerixxi li jridu jgħaddu madwar 30 sena biex titlesta s-SEPA. Anke f'xenarju iżjed ottimista, jidher verament improbabbli li l-migrazzjoni lejn is-SEPA titlesta f'inqas minn 15-20 sena mingħajr intervent leġiżlattiv ieħor. Din l-inerzja sostanzjalment titfa' lura l-migrazzjoni lejn is-SEPA u b'konsegwenza, tista' tnaqqas ħafna l-benefiċċji potenzjali diretti u indiretti tas-SEPA għal ekonomija Ewropea usa'[3]. Għalkemm il-migrazzjoni lejn is-SEPA tirrikjedi lill-utenti, inklużi ċ-ċittadini u l-kumpaniji żgħar u ta' daqs medju, jagħmlu bidla għal sistema ta' numri tal-kontijiet bankarji komuni għall-Unjoni kollha u bbażata fuq l-IBAN u l-BIC, it-tranżizzjoni se tiġi ffaċilitata mill-industrija permezz ta' sforzi ta' informazzjoni speċifiċi, l-inkorporazzjoni tal-IBAN u l-BIC fir-rapporti tal-kontijiet u fuq il-kards tal-pagament kif ukoll faċilitajiet tal-konverżjoni awtomatiċi.

Dispożizzjonijiet eżistenti fil-qasam tal-proposta

Din l-inizjattiva se tikkumplimenta l-qafas legali eżistenti għal servizzi tal-pagamenti fi ħdan l-UE.

Fl-1 ta' Novembru 2009, ir-Regolament (KE) Nru 924/2009 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tas-16 ta' Settembru 2009 dwar il-ħlas transkonfinali fil-Komunità ssostitwixxa r-Regolament (KE) Nru 2560/2001[4]. Dan ir-Regolament kien fil-fatt naqqas l-imposti fuq it-tranżazzjonijiet ta' pagamenti transkonfinali bl-euro sa EUR 50,000 sal-livell tal-imposti nazzjonali u inkoraġġixxa lill-industrija Ewropea tal-pagamenti tibni l-infrastruttura tal-pagamenti għall-Unjoni kollha hija meħtieġa għall-ħolqien tas-SEPA.

Id-Direttiva 2007/64/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tat-13 ta' Novembru 2007 dwar is-servizzi ta' ħlas fis-suq intern (l-hekk imsejħa 'Direttiva tas-Servizzi tal-Pagamenti' jew PSD)[5] għandha l-għan li tistabbilixxi kundizzjonijiet standardizzati u drittijiet għal servizzi tal-pagamenti offruti fis-suq għall-benefiċċju tal-konsumaturi u l-kumpaniji fl-Unjoni kollha u tipprovdi bażi legali armonizzata għas-SEPA.

Konsistenza mal-politiki u l-għanijiet l-oħra tal-Unjoni

L-għanijiet tal-proposta huma konsistenti mal-politiki u l-għanijiet tal-Unjoni. L-ewwel nett, se jtejbu l-funzjonament tas-suq intern għas-servizzi tal-pagamenti. It-tieni, jappoġġjaw b'mod wiesa' politiki oħra tal-Unjoni, b'mod partikolari l-politika dwar il-konsumatur (billi

---

2 http://www.consilium.europa.eu/uedocs/cms_data/docs/pressdata/en/ecofin/111670.pdf

3 Il-benefiċċji diretti u indiretti potenzjali tas-SEPA jeċċedu EUR 300 biljun fuq perjodu ta' sitt snin, jekk wieħed jassumi li l-migrazzjoni lejn l-istrumenti SEPA tkun komprensiva u rapida. Ara *SEPA*: *potential benefits at stake*, CapGemini, 2007, http://ec.europa.eu/internal_market/payments/docs/sepa/sepa-capgemini_study-final_report_en.pdf

4 ĠU L 266, 9.10.2009, p. 11.

5 http://eur-lex.europa.eu/LexUriServ/LexUriServ.do?uri=OJ:L:2007:319:0001:01:MT:HTML

jiffaċilitaw sistemi ta' pagament sikuri fl-Unjoni kollha), u l-politika tal-kompetizzjoni (billi jistabbilixxu obbligi, drittijiet u opportunitajiet ugwali għall-parteċipanti kollha fis-suq u billi jiffaċilitaw il-provvista transkonfinali ta' servizzi tal-pagament, biex b'hekk iżidu l-livell ta' kompetizzjoni). Il-valutazzjoni tal-impatt li takkumpanja din il-proposta tikkonkludi li migrazzjoni rapida u komprensiva lejn trasferimenti tal-krediti u debiti diretti fl-Unjoni kollha biss tiġġenera l-benefiċċji kollha ta' suq integrat tal-pagamenti. Il-forzi tas-suq u l-isforzi ta' awtoregolazzjoni wrew li mhumiex biżżejjed biex jixprunaw migrazzjoni koordinata lejn is-SEPA. Permezz tal-faċilitazzjoni tat-tranżazzjonijiet ekonomiċi fi ħdan l-Unjoni, jikkontribwixxu wkoll għall-kisba tal-għanijiet usa' tal-istateġija tal-UE 2020[6].

2. KONSULTAZZJONI MAL-PARTIJIET INTERESSATI U L-VALUTAZZJONI TAL-IMPATT

Konsultazzjoni mal-partijiet interessati

Metodi ta' konsultazzjoni, is-setturi ewlenin fil-mira u l-profil ġenerali ta' dawk li rrispondew

Bejn Ġunju u Awwissu 2009 id-Direttorat Ġenerali tas-Suq Intern u s-Servizzi għamel konsultazzjoni pubblika mal-partijiet interessati dwar jekk u kif għandhom jiġu stabbiliti limiti taż-żmien għall-migrazzjoni tat-trasferimenti tal-krediti u debiti diretti nazzjonali eżistenti għall-istrumenti tal-pagament ġodda tas-SEPA u ppubblika r-riżultati tagħha f'Settembru 2009. Sommarju tal-konsultazzjoni ġie ppubblikat fil-websajt tad-DĠ[7].

Saru diversi konsultazzjonijiet dwar is-SEPA, fuq bażi annwali, permezz tal-Bord ta' Prova għan-Negozju Ewropew. L-aħħar konsultazzjoni saret fit-tieni nofs tal-2009 u rrispondew iżjed minn 400 intrapriża. 85% minnhom kienu SMEs filwaqt li 15% kienu korporazzjonijiet ikbar. Il-konsultazzjoni tal-2009 kienet tinkludi mistoqsijiet dwar it-tneħħija gradwali tal-istrumenti tal-pagament tradizzjonali u l-iffissar ta' data finali tal-migrazzjoni lejn is-SEPA.

Barra minn hekk, diskussjonijiet mal-industrija bankarja dwar il-mudell kummerċjali għad-Debiti Diretti tas-SEPA ilhom għaddejjin għal xi ftit taż-żmien. Dawn id-diskussjonijiet iffukaw fuq il-kwistjoni tat-tariffi multilaterali tal-interkambju (MIF)[8] u wasslu għall-adozzjoni ta' dispożizzjonjiet transizzjonali għall-MIF fir-Regolament (KE) Nru 924/2009. Madankollu, peress li l-industrija kienet għadha ma ddeterminatx mudell kummerċjali fit-tul għall-SDD, l-iskambji tal-opinjonijiet baqgħu għaddejjin. Sabiex jipprovdu gwida lill-banek, f'Marzu 2009 il-Kummissjoni u l-BĊE ħarġu dikjarazzjoni konġunta, li f'Novembru 2009 kienet segwita b'Dokument ta' Ħidma tal-Kummissjoni[9]. F'Diċembru 2009 tlestiet konsultazzjoni pubblika dwar dan id-dokument. Barra minn dan, f'Diċembru 2009-Jannar 2010 is-servizzi tal-Kummissjoni bagħtu kwestjonarju lil banek magħżula. Dan kien jiffoka fuq il-kwistjoni speċifika tal-kostijiet dupplikati mġarrba mill-forniturі tas-servizzi tal-pagamenti individwali biex iħaddmu parallellament sistemi u l-proċessi tal-pagament (pjattaformi tal-pagament) għal pagamenti nazzjonali eżistenti u

---

6 B'rabta mal-istrateġija UE 2020, din il-proposta ġiet identifikata bħala waħda mill-inizjattivi ewlenin tal-'Aġenda Diġitali' adottata mill-Kummissjoni f'Mejju 2010, http://ec.europa.eu/information_society/digital-agenda/documents/digital-agenda-communication-en.pdf.

7 http://ec.europa.eu/internal_market/payments/docs/sepa/feedback_migration-2009_09_29_en.pdf

8 Tariffa tal-interkambju hija l-ammont imħallas minn fornitur tas-servizz tal-pagamenti tal-benefiċjarju lill-fornitur tas-servizz tal-pagamenti ta' min iħallas bħala ħlas għal kull tranżazzjoni ta' debitu dirett.

9 Għal aktar informazzjoni u t-testi sħaħ ta' dawn id-dokumenti, ara http://ec.europa.eu/competition/sectors/financial_services/banking.html.

pagamenti bis-SEPA fl-Unjoni kollha. Għal dan il-għan, intgħażlu dsatax-il bank jew grupp bankarju mill-akbar fl-Ewropa, li jirrappreżentaw taħlita ta' banek kummerċjali, tat-tfaddil, u kooperattivi minn disa' pajjiżi. Intbagħat kwestjonarju simili lill-proċessuri tal-pagamenti u lill-utenti tas-servizzi tal-pagament (l-iżjed negozji), iżda dan ma kellux rata ta' rispons suffiċjenti għall-analiżi.

Bejn l-2008 u l-2010 saru diskussjonijiet u skambji ta' opinjonijiet mal-Istati Membri, istituzzjonijiet finanzjarji, organizzazzjonijiet tal-konsumatur u sħab oħra soċjali u ekonomiċi, l-aktar permezz tal-kumitati konsultattivi eżistenti dwar il-pagamenti fil-livell ta' konsumatur: il-Grupp Espert tas-Suq tas-Sistemi tal-Ħlasijiet (PSMEG), il-Kumitat tal-Pagamenti (PC) u l-Forum tal-UE ta' Kumitati Nazzjonali tal-Koordinazzjoni tas-SEPA.

Id-diskussjonijiet, ir-risposti u l-kontribuzzjonijiet bil-miktub ipprovduti mill-partijiet interessati servew bħala bażi għall-analiżi ppreżentata f'żewġ dokumenti tal-Kummissjoni: Bejn is-7 u t-23 ta' Ġunju 2010 il-Valutazzjoni tal-Impatt li takkumpanja din il-proposta u d-dokument ta' ħidma tqiegħdu għad-dispożizzjoni u l-kummenti tal-pubbliku fil-websajt tal-Kummissjoni. Dan id-dokument ipprovda għal għadd ta' kwistjonijiet li jkollhom jiġu koperti meta jiġu stabbiliti dati finali mandatorji kemm għat-trasferimenti tal-kreditu kif ukoll għad-debiti diretti.

Sommarju tar-risposti u kif ġew ikkunsidrati

Kien hemm appoġġ wiesa' fost il-partijiet interessati kollha sabiex jiġu stipulati l-limiti taż-żmien għall-migrazzjoni sħiħa lejn is-SEPA b'regolament vinkolanti tal-UE: Leġiżlazzjoni fil-livell tal-Unjoni biss tista' tipprovdi l-ispinta għal użu wiesa' tat-trasferimenti tal-krediti u d-debiti diretti fl-Unjoni kollha. Ġie argumentat li l-istrumenti tas-SEPA mhux biss għandhom jikkumplimentaw iżda wkoll jissostitwixxu l-istrumenti tradizzjonali eżistenti.

Filwaqt li l-maġġoranza tal-partijiet interessati appoġġjaw l-approċċ li jiġu stipulati żewġ limiti taż-żmien separati għall-migrazzjoni tat-trasferimenti tal-kreditu u d-debiti diretti, uħud minnhom iffavorixxew data finali waħda għall-migrazzjoni taż-żewġ servizzi ta' pagament. Barra minn hekk, in-naħa tal-provvista u wħud mill-utenti saħqu bil-qawwa favur perjodi ta' migrazzjoni itwal b'mod partikolari għad-debiti diretti.

B'mod partikolari, fid-dawl tat-tweġibiet għall-konsultazzjoni li wasslu kif ukoll ta' rappreżentazzjonijiet oħra mill-industrija, fis-17 ta' Novembru sar smigħ pubbliku finali mill-Kummissjoni biex jiġu indirizzati żewġ kwestjonijiet kwistjonijiet importanti Dawn kienu: l-ewwel, jekk ir-Regolament għandux jawtorizza direttament l-iskemi tal-pagamenti kif żviluppati mill-industrija tal-pagamenti minflok ma juża approċċ ibbażat fuq rekwiżiti tekniċi mandatorji; u t-tieni, jekk fl-interess taċ-ċarezza, għandhomx jiġu inklużi dispożizzjonijiet legali speċifiċi rigward mudell kummerċjali fuq perjodu twil ta' żmien għad-debiti dirett.

B'konsegwenza tal-konsultazzjoni intensa, ġie konkluż li l-aktar approċċ adattat għad-definizzjoni ta' strumenti tal-pagament għall-Unjoni kollha huwa wieħed imħallat li jikkonsisti mill-istipular ta' standards komuni u rekwiżiti tekniċi ġenerali. Dawn ir-rekwiżiti tekniċi għandhom japplikaw għall-katina tat-tranżazzjoni tas-servizz tal-pagamenti kollha, minn utent tal-pagamenti għal utent tal-pagamenti permezz tal-forniturі tas-servizzi tal-pagamenti rispettivi tagħhom. Dan jiżgura r-rendiment tal-benefiċċji kollha tas-SEPA li huma ġġenerati fuq in-naħa tad-domanda (utent tas-servizz tal-pagament) tas-suq. Madankollu, in-naħa tal-provvista talbet li jintużaw l-iskemi eżistenti tas-SEPA żviluppati mill-industrija bankarja Ewropea.

Għadd kbir ta' partijiet interessati laqgħu l-proposta li l-Istati Membri jeżentaw prodotti nazzjonali speċifiċi tal-pagament li jissodisfaw ċerti kundizzjonijiet (eż. tranżazzjonijiet domestiċi, sehem fis-suq taħt ċertu limitu) għal żmien limitat li warajh il-prodotti tradizzjonali kollha jkollhom jitneħħew gradwalment. Oħrajn kienu jippreferu eżenzjoni permanenti sabiex ikomplu jużaw dawn il-prodotti speċifiċi. Ir-reazzjonijet għall-konsultazzjoni wkoll ikkonfermaw b'mod konsistenti li hemm ħtieġa kbira li tiġi ċċarata l-validità tal-mudell kummerċjali fuq perjodu twil ta' żmien għad-debiti diretti li jikkonforma mar-regoli tal-kompetizzjoni tal-UE.

Ġbir u użu tal-għarfien espert

Studju komprensiv tal-kostijiet u l-benefiċċji tal-migrazzjoni għas-SEPA kien ikkummissjonat għand Cap Gemini Consulting u r-riżultati tiegħu ġew ippubblikati f'Jannar 2008.

Barra minn hekk, f'Awwissu 2008, il-Kummissjoni kienet ippubblikat studju kkummissjonat għand Van Dijk Consultants, bl-għan li jiġi ppreparat il-monitoraġġ tal-impatt tas-SEPA fuq il-konsumaturi.

Valutazzjoni tal-impatt

Il-Kummissjoni wettqet il-valutazzjoni tal-impatt elenkata fil-Programm ta' Ħidma. Din il-valutazzjoni tal-impatt ġiet ippreparata b'kooperazzjoni mill-viċin mal-BĊE.

Il-valutazzjoni tal-impatt tiddiskuti l-kwistjoni tal-migrazzjoni kajmana tat-trasferimenti tal-kreditu tas-SEPA (SCT) u tad-debiti diretti tas-SEPA (SDD), li qed twassal għal koeżistenza ta' strumenti nazzjonali tradizzjonali u l-pagamenti bis-SEPA. Tidentifika l-kawża prinċipali wara l-progress kajman tal-migrazzjoni: L-inċertezza dwar it-tlestija tas-SEPA u motivaturi korrelati ta' problemi, bħan-nuqqas ta' inċentivi għall-iżvilupp ta' prodotti tas-SEPA li jissodisfaw b'mod sħiħ il-bżonnijiet tal-utenti, riluttanza li wieħed jinvesti minħabba l-iżvantaġġ li jkun 'wieħed minn dawk li jaġixxu l-ewwel' u naħa tad-domanda frammentata b'livell baxx ta' għarfien tas-SEPA. Telenka wkoll l-effetti tal-migrazzjoni kajmana. Fil-livell 'mikro', il-parteċipanti fis-suq ikollhom imantnu diversi pjattaformi tal-pagament kemm fuq in-naħa tal-provvista kif ukoll tad-domanda, u dan jirriżultaw f'kostijiet operattivi duplikati għall-manutenzjoni ta' dawn is-sistemi u redditu negattiv mill-investimenti fis-SEPA. Fil-livell 'makro', il-kontinwazzjoni tal-frammentazzjoni nazzjonali fis-suq tal-UE twassal għal ekonomiji tal-kobor li għadhom ma ntmissewx, tirristrinġi l-kompetizzjoni u tfixkel l-innovazzjoni.

Il-valutazzjoni tal-impatt tikkunsidra tliet xenarji: l-ebda intervent, inċentiv addizzjonali għall-migrazzjoni lejn is-SEPA mingħajr ma tiġi stipulata data finali u l-impatti jekk tiġi stipulta data finali għall-migrazzjoni. Tikkonkludi li l-aħjar xenarju għas-suq tal-pagamenti tal-Unjoni, għall-ekonomija Europea u għall-partijiet interessati hu l-istipular ta' data finali għall-migrazzjoni permezz ta' Regolament.

Sussegwentament, il-valutazzjoni tal-impatt tikkunsidra l-aħjar metodi tal-implimentazzjoni tad-data finali fil-livell tekniku, billi tiddiskuti subalternattivi għall-implimentazzjoni tad-data finali f'diversi oqsma.

Bażi ta' referenza għall-adozzjoni ta' trasferimenti tal-krediti u debiti diretti fl-Unjoni kollha. L-alternattiva rakkomandata hija li tiġi stabbilita data finali fuq il-bażi ta' rekwiżiti tekniċi ġenerali jiġifieri rekwiżiti, li jridu jiġu sodisfatti mit-trasferimenti tal-kreditu u d-debiti diretti

fl-Unjoni kollha. Ir-rekwiżiti tekniċi ser jinkludu l-istandards internazzjonali u Ewropej eżistenti.

Dominju tat-tranżazzjoni. Huwa rakkomandat li jiġi segwit approċċ fejn ir-rekwiżiti tekniċi definiti sa data finali jkunu japplikaw madwar id-dominju kollu tat-tranżazzjonijiet tal-pagamenti, jiġifieri għad-dominji klijenti-forniturі tas-servizzi tal-pagamenti u forniturі tas-servizzi tal-pagamenti-klijenti apparti mid-dominju forniturі tas-servizzi tal-pagamenti għal forniturі tas-servizzi tal-pagamenti. Huwa stamt li jiġu ffrankati EUR 84 biljun fuq l-operat min-naħa tad-domanda u dan jiddependi kompletament fuq li l-integrazzjoni tas-suq tal-pagamenti testendi lil hinn mill-ispazju interbankarju.

Speċifikazzjoni tal-prodott. Huwa rakkomandat li tiġi wkoll applikata data finali għal prodotti speċjalizzati, jiġifieri trasferimenti tal-kreditu u debiti diretti li jirrappreżentaw pagamenti ta' volum baxx u li joffru funzjonalitajiet speċifiċi. Madankollu, sabiex ikunu jistgħu jsiru l-adattamenti meħtieġa fl-iskemi l-iSCT u l-iSDD, se jiġi pprovdut perjodu tranżizzjonali ta' bejn 3-5 snin.

Ambitu tal-Istati Membri. Huwa rakkomandat li tiġi segwita l-alternattiva b'data finali komuni għaż-żona euro u data finali komuni iżjed tard għaż-żona mhux tal-euro. Peress li huma stimat li l-volum tal-iskema tal-pagamenti bl-euro fiż-żona mhux tal-euro jirrappreżenta biss madwar 2% tal-pagamenti kollha bl-euro, il-migrazzjoni veloċi u sħiħa tal-Istati Membri li ma għandhomx l-euro mhijiex essenzjali għas-suċċess tas-SEPA.

Limitu taż-żmien għall-migrazzjoni. Huwa rakkomandat li tiġi segwita s-subalternattiva ta' dati finali separati: mhux iżjed tard minn sena wara d-dħul fis-seħħ tar-Regolament għat-trasferimenti tal-kreditu u sentejn għad-debiti diretti. F'termini prattiċi, id-dewmien fl-adozzjoni jfisser li l-partijiet interessati se jkollhom madwar 30 xahar biex jippreparaw għall-migrazzjoni għall-SCT u 42 xahar għall-migrazzjoni għall-SDD mid-data tal-adozzjoni tal-proposta tal-Kummissjoni.

Ċarezza dwar il-mudell kummerċjali fuq perjodu twil ta' żmien għad-debiti diretti pan-Ewropej. Huwa rakkomandat li tiġi pprojbita l-applikazzjoni ġenerali ta' tariffi multilaterali tal-interkambju (MIFs) għal kull tranżazzjoni ta' debitu dirett bejn forniturі tas-servizzi tal-pagamenti (u miżuri ekwivalenti bl-istess skop jew effett). Madankollu, l-MIFs ser ikunu permessi taħt ċerti kundizzjonijiet għal tranżazzjonijiet ta' debiti diretti li ma jkunux jistgħu jiġi eżekwiti sew jew li jkunu qed jiġu mitluba lura minn fornitur tas-servizzi tal-pagamenti.

3. ELEMENTI LEGALI TAL-PROPOSTA

Sommarju tal-azzjoni proposta

Il-proposta għall-istabbiliment ta' rekwiżiti tekniċi għat-trasferimenti ta' kreditu u ta' debiti diretti hija mmirata lejn:

– stipular ta' dati finali separati għall-migrazzjoni għat-trasferimenti ta' kreditu u ta' debiti diretti rispettivament, billi jiġu introdotti sett ta' standards komuni u rekwiżiti tekniċi ġenerali.

– l-iżgurar tal-aċċessibbiltà tal-forniturі tas-servizzi tal-pagamenti għal tranżazzjonijiet ta' trasferiment ta' kreditu, fuq il-bażi tal-obbligu tal-aċċessibbiltà għat-

tranżazzjonijiet ta' debiti diretti skont l-Artikolu 8(1) tar-Regolament (KE) Nru 924/2009 u l-interoperabbiltà tas-sistemi tal-pagamenti.

Bażi legali

L-Artikolu 114(1) tat-Trattat dwar il-Funzjonament tal-UE.

Prinċipju ta' sussidjarjetà

Il-prinċipju ta' sussidjarjetà japplika sakemm il-proposta ma taqax taħt il-kompetenza esklużiva tal-Unjoni.

L-għanijiet tal-proposta ma jistgħux jinkisbu b'mod suffiċjenti mill-Istati Membri għar-raġuni(jiet) li ġejjin:

F'dan l-istadju, il-pjanijiet nazzjonali għall-migrazzjoni lejn is-SEPA jeżistu fi kważi l-Istati Membri kollha. Filwaqt li dawn il-pjanijiet jappoġġjaw il-migrazzjoni lejn is-SEPA, ftit biss minnhom jimmiraw biex jibdlu b'mod sistematiku u sħiħ l-istrumenti tal-pagament tradizzjonali sa limitu ta' żmien indikat. Id-dati fil-mira stabbiliti mill-partijiet interessati fil-livelli nazzjonali jvarjaw fost l-Istati Membri. Fin-nuqqas ta' data fil-mira komuni fil-livell tal-Unjoni, in-nuqqas ta' koordinazzjoni fost l-Istati Membri kif ukoll fost il-partijiet interessati jista', fl-aħjar każ, joħloq diffikultajiet fit-tranżizzjoni lejn is-SEPA jew agħar minn hekk, iwassal għal imblokk li jipprevjeni migrazzjoni effettiva. Barra minn hekk, id-dati fil-mira huma spiss dipendenti fuq kundizzjonijiet oħra. Dawn il-pjanijiet għaldaqstant ma jipprovdux momentum suffiċjenti għal migrazzjoni veloċi u komprensiva lejn is-SEPA, u barra minn hekk, mhumiex ikkoordinati bejn l-Istati Membri.

L-azzjoni fil-livell tal-Unjoni se twassal għal kisba aħjar tal-għanijiet tal-proposta għar-raġuni(jiet) li ġejjin:

Min-natura tiegħu, suq integrat tal-pagament bl-euro jirrikjedi approċċ wieħed fl-Unjoni kollha għax l-istandards, ir-regoli u l-proċessi sottostanti għandhom ikunu konsistenti fost l-Istati Membri kollha. Dan jappoġġja l-għan tal-Artikolu 3 tat-Trattat dwar l-Unjoni Ewropea li jipprovdi għal suq intern u unjoni ekonomika u monetarja li l-munita tagħhom hija l-euro. Huwa biss approċċ Ewropew, koordinat fuq in-naħa tal-provvista u tad-domanda li jista' jippermetti l-iżvilupp tal-potenzjal sħiħ tal-benefiċċji tan-netwerk. L-alternattiva għal approċċ wieħed għall-Unjoni kollha tkun sistema ta' ftehimiet multilaterali jew bilaterali li l-kumplessità u l-kostijiet tagħha jkunu projbittivi meta mqabbla mal-leġiżlazzjoni fil-livell tal-Unjoni. L-intervent fil-livell tal-Unjoni għaldaqstant ikun konsistenti mal-prinċipju tas-sussidjarjetà.

Il-proposta għaldaqstant tikkonforma mal-prinċipju tas-sussidjarjetà.

Prinċipju ta' proporzjonalità

Il-proposta tikkonforma mal-prinċipju tal-proporzjonalità għar-raġuni(jiet) li ġejjin:

Il-proposta ma tmurx lil hinn minn dak li hu strettament meħtieġ sabiex jinkisbu dawn l-għanijiet.

Dawn ir-regoli proposti kollha ġew suġġetti għal test tal-proporzjonalità u għal konsultazzjoni intensiva sabiex tiġi żgurata regolamentazzjoni xierqa u proporzjonali.

Il-proposta għandha l-għan li timminimizza l-impatt tal-bidliet fuq il-partijiet interessati kollha. Ir-rekwiżiti tekniċi elenkati fl-anness għar-Regolament ġew imfassla b'tali mod li jippermettu l-applikazzjoni tal-iskemi eżistenti bħalissa fl-Unjoni kollha mingħajr ma jirrestriġu l-flessibbiltà u l-innovazzjoni.

Barra minn hekk, il-proposta tippermetti lill-Istati Membri jiddeċiedu fuq il-ħatra tal-awtoritajiet kompetenti ħalli jekk ikunu jixtiequ jkunu jistgħu jużaw l-istrutturi u l-korpi amministrattivi eżistenti sabiex inaqqsu l-kostijiet tagħhom.

Għażla tal-istrumenti

Strumenti proposti: Regolament.

Mezzi oħra ma jkunux xierqa għar-raġuni(jiet) li ġejjin:

L-istipular ta' data finali għall-migrazzjoni lejn trasferimenti tal-krediti u d-debiti diretti għall-Unjoni kollha tirrikjedi standardizzazzjoni fil-livell tekniku u l-ogħla livell ta' armonizzazzjoni possibbli. Minħabba f'hekk, Regolament huwa aħjar minn Direttiva. Barra minn hekk, minħabba l-karattru tan-netwerk tal-industrija tal-pagamenti, il-biċċa l-kbira tal-benefiċċji tas-SEPA jimmaterjalizzaw biss ladarba t-tranżizzjoni domestika għal strumenti tal-pagamenti għall-Unjoni kollha tkun kompluta fl-Istati Membri kollha tal-UE. Direttiva b'implimentazzjonijiet nazzjonali potenzjalment differenti jkollha r-riskju li tipperpetwa l-frammentazzjoni attwali tas-suq tal-pagamenti. Finalment, iddewwem il-migrazzjoni minħabba ż-żmien meħtieġ għat-traspożizzjoni nazzjonali. Għaldaqstant hu rakkomandat li d-data finali tal-migrazzjoni lejn is-SEPA tiġi stipulata permezz tal-istrument legali ta' Regolament.

4. IMPLIKAZZJONI BAĠITARJA

Meta jitħallew barra l-kostijiet amministrattivi normali marbuta mal-iżgurar tar-rispett tal-leġiżlazzjoni tal-UE, mhuwa se jkun hemm l-ebda impatt baġitarju għax mhu se jinħoloq l-ebda kumitat ġdid u mhu se jsir l-ebda impenn finanzjarju. Madankollu, il-Kummissjoni hija wkoll utent sinifikanti tas-servizzi tal-pagamenti fiha nnifisha u għaldaqstant għandha tibbenefika, flimkien ma' utenti oħra, miż-żieda fil-kompetizzjoni ġġenerata mis-SEPA.

5. INFORMAZZJONI ADDIZZJONALI

Simplifikazzjoni

Il-proposta għandha l-għan li tissimplifika l-leġiżlazzjoni għax l-Artikolu 3 jikkonsolida d-dispożizzjoni tal-aċċessibbiltà għal debiti diretti kif definit fir-Regolament 924/2009 u dispożizzjoni tal-aċċessibbiltà simili għal trasferimenti ta' krediti taħt dispożizzjoni unika. Is-simplifikazzjoni tal-maniġġ tal-pagamenti se jkollha effetti benefiċjali għall-partijiet interessati inklużi amministrazzjonijiet pubbliċi, negozji u individwi privati.

Dan ir-Regolament se jnaqqas il-frammentazzjoni kkważata mill-fruntieri nazzjonali u jrawwem il-kompetizzjoni fis-suq tal-pagamenti Ewropew u b'hekk se jikkontribwixxi għas-simplifikazzjoni tal-proċessi tal-pagamenti.

Pereżempju, l-amministrazzjonijiet pubbliċi bħala utenti kbar tal-istrumenti tal-pagamenti għandhom jibbenefikaw mis-SEPA għax tissimplifikalhom il-proċessi tal-pagamenti u jippermetti pproċessar tal-pagamenti 'awtomatizzat' u iżjed effiċjenti. Is-sejħa għall-offerti pubbliċi għal servizzi tal-pagament fil-livell tal-Unjoni għandha ssir iżjed faċili, minħabba li l-għadd ta' forniturі tas-servizzi tal-pagamenti potenzjali jiżdied, l-offerti tagħhom ikunu jistgħu jitqabblu aħjar u l-ineffiċjenzi kkawżati mill-formati nazzjonali tal-pagamenti għandhom jgħibu. Il-kombinazzjoni ta' soluzzjonijiet tal-fatturi elettroniċi u s-SEPA bħala pjattaforma tal-pagamenti sottostanti tiffaċilita wkoll ir-rikonċiljazzjoni awtomatika tal-fatturi u l-pagamenti.

B'mod simili għall-konsumaturi, li qed isiru dejjem iżjed mobbli f'termini professjonali u privati, pagamenti transkonfinali standardizzati jeliminaw il-bżonn li jinżammu diversi kontijiet tal-pagamenti f'pajjiżi differenti.

Għall-forniturі tas-servizzi tal-pagament u l-proċessuri tal-pagament, l-ekonomiji tal-kobor u l-istandards komuni miksuba taħt is-SEPA jagħmlu l-pagamenti fl-Unjoni ħafna iżjed effiċjenti.

Tħassir tal-leġiżlazzjoni eżistenti

L-adozzjoni tal-proposta titlob it-tħassir tal-Artikolu 8 tar-Regolament (KE) 924/2009 dwar l-aċċessibbiltà tat-tranżazzjonijiet tad-debiti diretti. Għal raġunijiet ta' trasparenza u simplifikazzjoni, is-sustanza ta' dak l-artikolu hija kkonsolidata fl-Artikolu 3 ta' din il-proposta.

Klawżola ta' eżami/reviżjoni/terminazzjoni

Il-proposta tinkludi klawżola ta' eżami.

Żona Ekonomika Ewropea

L-att propost jikkonċerna kwistjoni li tirrigwarda ż-ŻEE u għaldaqstant għandu jestendi għaż-Żona Ekonomika Europea.

Spjegazzjoni dettaljata tal-proposta

Dan is-sommarju qasir li ġej għandu l-għan li jiffaċilita l-proċess tat-teħid tad-deċiżjonijiet billi jispjega s-sustanza ewlenija tar-Regolament.

L-Artikolu 1 – suġġett u ambitu – jgħid li r-Regolament ikopri t-twettiq tat-trasferimenti tal-kreditu kollha u t-tranżazzjonijiet tad-debiti diretti denominati fl-euro fi ħdan l-Unjoni. Ma jkoprix xi tipi ta' tranżazzjonijiet tal-pagamenti – bħal tranżazzjonijiet bil-kard tal-pagament, bgħit ta' flus u tranżazzjonijiet tal-pagamenti permezz ta' kwalunkwe mezz tat-telekomunikazzjoni, diġitali jew tal-IT li ma jirriżultax fi trasferiment tal-kreditu jew debitu dirett. Għall-promozzjoni tal-kompetizzjoni u l-effiċjenza, ir-Regolament ma għandux jeskludi mis-suq skemi tal-pagamenti mhux 'tradizzjonali', b'mod partikolari meta jkunu bbażati fuq regoli ta' skemi kkombinati inkluż segment tad-debitu dirett jew tat-trasferiment tal-kreditu. Għaldaqstant, id-dispożizzjonijiet ta' dan ir-Regolament japplikaw biss għat-trasferiment tal-kreditu jew debitu dirett sottostanti tat-tranżazzjoni.

L-Artikolu 2 – id-definizzjonijiet – allinjati, kemm jista' jkun possibbli, ma' dawk użati fid-Direttiva 2007/64/KE. Madankollu, minħabba l-ambitu limitat tar-Regolament meta mqabbel

mad-Direttivi tas-Servizzi tal-Pagament, uħud mid-definizzjonijiet tfasslu skont il-bżonnijiet ta' din il-proposta.

L-Artikolu 3 – l-aċċessibbiltà tal-forniturі tas-servizzi tal-pagament għal tranżazzjonijiet tat-trasferimenti tal-kreditu hija integrata mal-obbligu tal-aċċessibbiltà għal tranżazzjonijiet tad-debitu dirett skont l-Artikolu 8 tar-Regolament (KE) Nru 924/2009.

L-Artikolu 4 – interoperabilità teknika – li hi meħtieġa għall-funzjonament mingħajr problemi tas-sistemi u l-iskemi tal-pagament, sabiex ikunu jistgħu jinteraġixxu ma' xulxin madwar l-Unjoni bl-użu tal-istess standards, mingħajr ostakli tekniċi għall-ipproċessar tal-pagamenti mill-parteċipanti tas-suq.

L-Artikolu 5 u l-Anness – rekwiżiti tekniċi għal tranżazzjonijiet tat-trasferiment tal-kreditu u d-debiti diretti – jintroduċu limiti taż-żmien għall-migrazzjoni lejn strumenti għall-Unjoni kollha, billi jagħmlu obbligatorji ċerti standards importanti li jintużaw mill-industrija tal-pagamenti u billi jiddefinixxu r-rekwiżiti tekniċi li japplikaw kemm għall-forniturі tas-servizzi tal-pagamenti kif ukoll għall-konsumaturi.

L-Artikolu 6 – *tariffi tal-interkambju għal tranżazzjonijiet ta' debiti diretti* – jiċċara li wara l-31 ta' Ottubru 2012, tariffi multilaterali tal-multilaterali (MIFs) għal kull tranżazzjoni mhumiex permessi għal debiti diretti nazzjonali u transkonfinali. Jiddefinixxi wkoll kundizzjonijiet ġenerali għat-tariffi tal-interkambju (multilaterali, bilaterali u unilaterali) għal tranżazzjonijiet-R, b'konformità mad-dokument ta' ħidma dwar l-'Applikabbiltà tal-Artikolu 81 tat-Trattat KE għal pagamenti interbankarji multilaterali fl-SDD' pubblikat mill-Kummissjoni fit-3 ta' Novembru 2009.

L-Artikolu 7– rinunzja – japplika għall-hekk imsejħa prodotti niċċa 'tradizzjonali' li għandhom ukoll jinqatgħu gradwalment wara perjodu tranżizzjonali xieraq.

L-Artikolu 8 - l-aċċessibbiltà għall-pagamenti tiżgura li jekk it-trasferiment ta' kreditu fl-euro jew ta' debitu dirett fl-euro jiġi aċċettat domestikament, jiġi użat wkoll minn u lejn kont fl-euor fuq bażi transkonfinali.

L-Artikolu 9 – awtoritajiet kompetenti – jawtorizza l-awtoritajiet kompetenti sabiex jieħdu l-miżuri meħtieġa biex jiżguraw il-konformità mal-obbligi stabbiliti f'dan ir-Regolament.

L-Artikolu 10 – penalitajiet – jirrikjedi li l-Istati Membri jipprovdu lill-Kummissjoni d-dettalji tal-penalitajiet.

L-Artikolu 11 – proċeduri tal-ilmenti u r-rimedju barra mill-qorti – jobbliga lill-Istati Membri biex jistabbilixxu korpi ta' rimedju barra mill-qorti għas-soluzzjoni tat-tilwim li jinħoloq taħt dan ir-Regolament. Jirrikjedilhom ukoll jipprovdu lill-Kummissjoni bl-informazzjoni dwar dawn l-arranġamenti.

L-Artikoli 12 sa 15 – adozzjoni tal-atti delegati – jippermettu li r-rekwiżiti tekniċi jiġu aġġornati.

L-Artikolu 16 – klawżola ta' reviżjoni – jipprovdi għal obbligu ta' rappurtar akkompanjat, jekk ikun hemm bżonn, bi proposta għal emenda.

L-Artikolu 17 – dispożizzjonijiet tranżizzjonali – jiżgura li d-dati finali japplikaw għal Stati Membri taż-żona euro qabel, fil-waqt li l-Istati Membri mhux taż-żona euro jingħataw perjodu tranżizzjonali, ibbażat fuq il-volumi limitati tagħhom ta' tranżazzjonijiet ta' pagamenti bl-euro.

2010/0373 (COD)

Proposta għal

REGOLAMENT TAL-PARLAMENT EWROPEW U TAL-KUNSILL

li jistabbilixxi rekwiżiti tekniċi għat-trasferimenti ta' kreditu u debiti diretti bl-euro u li jemenda r-Regolament (KE) Nru 924/2009

(Test b'rilevanza ŻEE)

IL-PARLAMENT EUROPEW U L-KUNSILL TAL-UNJONI EWROPEA,

Wara li kkunsidraw it-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea, u b'mod partikolari l-Artikolu 114 tiegħu,

Wara li kkunsidraw il-proposta mill-Kummissjoni Ewropea[10],

Wara t-trażmissjoni tal-abbozz tal-att leġiżlattiv lill-Parlamenti nazzjonali,

Wara li kkunsidraw l-opinjoni tal-Kumitat Ekonomiku u Soċjali Ewropew[11],

Wara li kkunsidraw l-opinjoni tal-Kumitat tar-Reġjuni[12],

Wara li kkunsidraw l-opinjoni tal-Bank Ċentrali Ewropew[13],

Filwaqt li jaġixxu skont il-proċedura leġiżlattiva ordinarja,

Billi:

(1) Il-ħolqien ta' suq integrat għall-pagamenti elettroniċi bl-euro, mingħajr l-ebda distinzjoni bażika bejn pagamenti nazzjonali u transkonfinali hu meħtieġ għall-funzjonament xieraq tas-Suq Intern. Għal dan il-għan, il-proġett taż-Żona Unika ta' Pagamenti bl-Euro (minn hawn 'il quddiem 'is-SEPA') għandu l-għan li jiżviluppa strumenti ta' pagamenti komuni għall-Unjoni kollha biex jieħdu post l-istrumenti attwali tal-pagamenti nazzjonali. B'konsegwenza tal-introduzzjoni ta' standards, regoli u prassi komuni u miftuħa tal-pagamenti, u permezz tal-ipproċessar integrat tal-pagamenti, is-SEPA għandha tipprovdi liċ-ċittadini tal-Unjoni u lin-negozji b'servizzi tal-pagamenti bl-euro sikuri, bi prezzijiet kompetittivi, faċili jintużaw u affidabbli. It-tlestija tas-SEPA għandha toħloq ukoll kundizzjonijiet favorevoli għal aktar kompetizzjoni fis-servizzi tal-pagamenti u għall-iżvilupp mhux ostakolat u veloċi tal-implimentazzjoni ta' innovazzjonijiet relatati mal-pagamenti fl-Unjoni kollha. Konsegwentament, b'riżultat ta' ekonomiji tal-kobor aħjar, effiċjenza akbar tal-operat u kompetizzjoni msaħħa, is-servizzi tal-pagamenti elettroniċi bl-euro għandhom joħolqu

---

10 ĠU C , , p. .
11 ĠU C , , p. .
12 ĠU C , , p. .
13 ĠU C , , p. .

pressjoni 'l isfel fuq il-prezzijiet f'kull qasam abbażi tal-aqwa fost l-aħjar. L-effett ta' dan għandu jkun sinifikanti partikolarment fl-Istati Membri fejn il-pagamenti huma, f'sens ta' paragun, relattivament għaljin. It-tranżizzjoni lejn is-SEPA għalhekk ma għandhiex tkun akkompanjata b'żidiet fil-prezzijiet ġenerali għall-utenti tas-servizzi tal-pagament inġenerali, u partikolarment għall-konsumaturi.

(2) Is-suċċess tas-SEPA hu verament importanti fuq livell ekonomiku, monetarju kif ukoll politiku. Huwa kompletament konformi mal-istrateġija tal-Europa 2020 li għandha l-għan li toħloq ekonomija aktar intelligenti li fiha l-prosperità tirriżulta mill-innovazzjoni u minn użu iżjed effiċjenti tar-riżorsi disponibbli. Kemm il-Parlament Ewropew permezz tar-riżoluzzjonijiet tiegħu tat-12 ta' Marzu 2009[14] u l-10 ta' Marzu 2010[15] dwar l-implimentazzjoni tas-SEPA kif ukoll il-Kunsill fil-konklużjonijiet adottati fit-2 ta' Diċembru 2009[16] issottolinjaw l-importanza tal-kisba rapida tal-migrazzjoni lejn is-SEPA.

(3) Id-Direttiva 2007/64/KE tal-Parlament Europew u tal-Kunsill tat-13 ta' Novembru 2007 dwar is-servizzi ta' ħlas fis-suq intern[17] tipprovdi bażi legali moderna għall-ħolqien ta' suq intern għall-pagamenti u fejn is-SEPA hija element fundamentali.

(4) Ir-Regolament (KE) Nru 924/2009 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tas-16 ta' Settembru 2009 dwar il-ħlas transkonfinali fil-Komunità u li jħassar ir-Regolament (KE) Nru 2560/2001[18] jipprovdi wkoll għadd ta' miżuri li jiffaċilitaw is-suċċess tas-SEPA bħall-estensjoni tal-prinċipju ta' imposti ugwali għal debiti diretti transkonfinali.

(5) Barra minn dan, l-isforzi awtoregolatorji tas-settur bankarju Ewropew permezz tal-inizjattiva tas-SEPA wrew li ma kinux suffiċjenti biex jixprunaw 'l quddiem b'mod ikkoordinat il-migrazzjoni tat-trasferimenti tal-kreditu u tad-debiti diretti lejn skemi għall-Unjoni kollha, kemm fuq in-naħa tal-provvista kif ukoll tad-domanda. Aktar minn hekk, dan il-proċess awtoregolatorju ma kienx soġġett għal mekkaniżmi ta' governanza xierqa, ħaġa li tista' parzjalment tispjega l-adozzjoni kajmana min-naħa tad-domanda. Hija biss migrazzjoni rapida u komprensiva lejn it-trasferimenti tal-krediti u d-debiti diretti fl-Unjoni kollha li se tiġġenera l-benefiċċji sħaħ ta' suq tal-pagamenti integrat, sabiex l-kostijiet għolja tat-tħaddim tal-prodotti 'tradizzjonali' kif ukoll tas-SEPA jkunu jistgħu jiġu eliminati b'mod parallel.

(6) Għalhekk għandhom jiġu stabbiliti regoli sabiex ikopru t-twettiq tat-trasferimenti tal-krediti kollha u t-tranżazzjonijiet tad-debiti diretti denominati fl-euro fl-Unjoni. Madankollu, f'dan l-istadju mhuwiex xieraq li jiġu koperti t-tranżazzjonijiet bil-kards, peress li l-istandards komuni għall-pagamenti bil-kard fl-Unjoni għadhom qed jiġu żviluppati. Il-bgħit ta' flus, il-pagamenti pproċessati internament, tranżazzjonijiet ta' pagamenti ta' valur għoli bejn forniturі tas-servizzi tal-pagament u l-pagamenti permezz tal-mowbajl ma għandhomx jaqgħu taħt l-ambitu ta' dawn ir-regoli peress li

---

14 P6_TA(2009)0139
15 P7_TA(2010)0057
16 http://www.consilium.europa.eu/uedocs/cms_data/docs/pressdata/en/ecofin/111670.pdf
17 ĠU L 319, 5.12.2007, p. 1.
18 ĠU L 266, 9.10.2009, p. 11.

dawn is-servizzi tal-pagamenti mhumiex komparabbli ma' trasferimenti ta' kreditu u debiti diretti.

(7) Attwalment jeżistu diversi strumenti tal-pagament, l-iżjed għal pagamenti permezz tal-internet, li jużaw ukoll in-numru internazzjonali tal-kont bankarju (l-IBAN) u l-kodiċi tal-identifikazzjoni tal-bank (BIC) u huma bbażati fuq trasferimenti tal-kreditu jew debiti diretti li iżda għandhom karatteristiċi addizzjonali. Dawk l-iskemi huma previsti li jespandu lil hinn mill-fruntieri nazzjonali attwali u jistgħu jissodisfaw id-domanda tal-konsumatur għal strumenti tal-pagament innovattivi, sikuri u rħas. Sabiex ma jiġux eskluži dawn l-iskemi mis-suq, ir-regolament dwar id-dati finali għad-debitu dirett u t-trasferiment tal-kreditu għandu japplika biss għat-trasferimenti tal-kreditu jew d-debitu dirett sottostanti tat-tranżazzjoni.

(8) Għat-twettiq ta' trasferiment tal-kreditu, il-kont tal-benefiċjarju għandu jkun aċċessibbli. Għaldaqstant, sabiex tiġi inkoraġġita l-adozzjoni b'suċċess ta' dawn l-istrumenti tal-pagament, għandu jiġi stabbilit obbligu tal-aċċessibbiltà għall-Unjoni kollha. Sabiex titjieb it-trasparenza, huwa wkoll xieraq li jiġu kkonsolidati f'att uniku dak l-obbligu u l-obbligu tal-aċċessibbiltà għad-debiti diretti li diġà huma stabbiliti fir-Regolament (KE) Nru 924/2009.

(9) L-interoperabilità teknika hi prerekwiżit għall-kompetizzjoni. Sabiex jinħoloq suq integrat għas-sistemi tal-pagamenti elettroniċi bl-euro, hu essenzjali li l-ipproċessar tat-trasferimenti tal-kreditu u d-debiti diretti ma jkunx imfixkel minn ostakli tekniċi u għandu jitwettaq skont skema, li r-regoli bażiċi tagħha għandhom ikunu osservati mill-biċċa l-kbira tal-forniturі tas-servizzi tal-pagamenti fil-maġġoranza tal-Istati Membri u jkunu l-istess għat-trasferimenti tal-krediti u għat-trażazzjonijiet tad-debiti diretti, kemm transkonfinali kif ukoll purament nazzjonali. Meta jiġu żviluppati iżjed minn skema waħda jew meta jkun hemm iżjed minn sistema waħda tal-pagamenti għall-ipproċessar ta' dawn il-pagamenti, dawn l-iskemi u s-sistemi għandhom ikunu interoperabbli sabiex l-utenti u l-forniturі tas-servizzi tal-pagamenti kollha jkunu jistgħu jgawdu l-benefiċċji tal-pagamenti bl-euro bla intoppi fl-Unjoni.

(10) Sabiex tiġi żgurata l-interoperabbiltà, huwa kruċjali li jiġu identifikati rekwiżiti tekniċi li bla ebda ambigwità jiddeterminaw il-karatteristiċi għandhom jiġu rrispettati mill-iskemi tal-pagamenti għall-Unjoni kollha li se jiġu żviluppati skont arranġamenti ta' governanza xierqa. Dawn ir-rekwiżiti tekniċi ma għandhomx jirristriġu l-flessibbiltà u l-innovazzjoni iżda għandhom ikunu miftuħa, kif ukoll newtrali, għal żviluppi ġodda u titjib potenzjali fis-suq tal-pagamenti. Għandhom jiġu ddisinjati biex iqisu l-karatteristiċi speċjali tat-trasferimenti tal-kreditu u d-debiti diretti, b'mod partikolari fir-rigward tal-elementi tad-dejta li jkun hemm fil-messaġġ tal-pagament. Għandu jkun fihom ukoll, b'mod speċjali għal debiti diretti, miżuri biex tissaħħaħ il-kunfidenza tal-utenti fis-servizz tal-pagamenti fl-użu ta' dawn l-istrumenti.

(11) L-istandardizzazzjoni teknika hija pass importanti fl-integrazzjoni tan-netwerks, bħas-suq tal-pagamenti tal-Unjoni. L-użu ta' standards żviluppati minn korpi tal-istandardizzazzjoni internazzjonali jew Ewropej għandu jkun mandatorju minn data indikata għat-tranżazzjonijiet rilevanti kollha. Fil-kuntest tal-pagamenti, dawn ikunu l-IBAN, il-BIC, u l-istandard 'ISO 20022 XML' għall-messaġġi tas-servizzi finanzjarji. L-użu ta' dawn l-istandards mill-forniturі kollha tas-servizzi tal-pagamenti hu għaldaqstant rekwiżit għall-interoperabilità sħiħa fl-Unjoni kollha. Partikolarment u fejn meħtieġ, l-użu mandatorju tal-IBAN u l-BIC għandu jiġi promoss fl-Istati Membri

permezz ta' komunikazzjoni komprenżiva u miżuri ta' faċilitazzjoni ħalli t-tranżizzjoni lejn it-trasferimenti tal-krediti u d-debitti diretti pan-Ewropej tkun tista' ssir b'mod faċli u bla intoppi, partikolarment għall-konsumaturi.

(12) Hu xieraq li jiġu stabbiliti dati sa meta t-trasferimenti tal-kreditu u t-tranżazzjonijiet tad-debiti diretti kollha għandhom jikkonformaw ma' dawn ir-rekwiżiti tekniċi, filwaqt li jħallu s-suq miftuħ għal iżjed żvilupp u innovazzjoni.

(13) Għandhom jiġu stabbiliti dati separati għall-migrazzjoni sabiex jiġu kkunsidrati d-differenzi bejn it-trasferimenti tal-kreditu u d-debiti diretti. It-trasferimenti tal-kreditu u d-debiti diretti fl-Unjoni kollha ma għandhomx l-istess livell ta' maturità, għax debitu dirett huwa strument iżjed kumpless minn trasferiment tal-kreditu u, b'konsegwenza, il-migrazzjoni tad-debiti diretti għall-Unjoni kollha tirrikjedi, b'mod sinifikanti, iżjed riżorsi mill-migrazzjoni tat-trasferimenti tal-kreditu għall-Unjoni kollha.

(14) Ir-regolamentazzjoni tat-tariffi multilaterali tal-interkambju (MIFs) għal debiti diretti hija essenzjali għall-ħolqien ta' kundizzjonijiet newtrali tal-kompetizzjoni bejn il-forniturі tas-servizzi tal-pagamenti u biex ikun jista' jiżviluppa suq uniku għad-debiti diretti. MIF għal kull tranżazzjoni għad-debiti diretti jirristrinġu l-kompetizzjoni bejn il-banek benefiċjarji u jonfħu t-tariffi li dawn il-banek jimponu fuq il-benefiċjarji u għaldaqstant iwasslu għal żidiet moħbija fil-prezzijiet għal min iħallas. Filwaqt li ma ntweriet l-ebda effiċjenza oġġettiva għal MIFs għal kull tranżazzjoni, jew inkella ntweriet b'mod limitat, tariffi bħal dawn għat-tranżazzjonijiet li jkunu rrifjutati, ma jiġux aċċettati jew jiġu rriversjati minħabba li ma jkunux jistgħu jiġu eżekwiti sew (transazzjonjiet-R) jistgħu jgħinu biex il-kostijiet jiġu allokati b'mod effiċjenti fi ħdan is-suq uniku. Għalhekk, jidher li jkun ta' benefiċċju għall-ħolqien ta' suq Ewropew effikaċi tad-debiti diretti jekk jiġu pprojbiti l-MIFs għal kull tranżazzjoni. Madanakollu, it-tranżazzjonijiet-R għandhom ikunu permessi, sakemm ikunu konformi ma' ċerti kundizzjonjiet. Fi kwalunkwe każ, ir-regoli għandhom ikunu bla ħsara għall-applikazzjoni tal-Artikoli 101 u 102 tat-TFEU għat-tariffi multilaterali tal-interkambju għal tranżazzjonijiet-R.

(15) Għaldaqstant, il-possibbiltà li tiġi applikata MIF għal kull tranżazzjoni nazzjonali jew transkonfinali ta' debiti diretti għandha tkun limitata fiż-żmien u għandhom jiġu stipulati kundizzjonijiet ġenerali għall-applikazzjoni ta' tariffi għall-interkambju għat-tranżazzjonijiet-R.

(16) F'xi Stati Membri, hemm ċerti strumenti tradizzjonali tal-pagamenti li huma trasferimenti ta' krediti jew debiti diretti iżda li għandhom funzjonalitajiet speċifiċi ħafna, ta' spiss minħabba raġunijiet storiċi jew legali. Il-volum tat-tranżazzjonijiet ta' dawn il-prodotti huwa normalment marġinali; jistgħu għaldaqstant jiġu kklassifikati bħala prodotti niċċa. Perjodu tranżizzjonali għal dawn il-prodotti niċċa, twil biżżejjed biex jimminimizza l-impatt tal-migrazzjoni fuq l-utenti tas-servizzi tal-pagamenti, għandu jgħin liż-żewġ naħat tas-suq biex jiffukaw l-ewwel fuq il-migrazzjoni tal-biċċa l-kbira tat-trasferimenti tal-krediti u d-debiti diretti, biex b'hekk jippermetti li l-maġġoranza tal-benefiċċji potenzjali ta' suq integrat tal-pagamenti fl-Unjoni jinkisbu qabel.

(17) Għall-funzjonament prattiku tas-suq intern tal-pagamenti, hu essenzjali li jiġi żgurat li dawk li jħallsu bħal negozji jew awtoritajiet pubbliċi jkunu jistgħu jibagħtu

trasferimenti tal-kreditu għal kontijiet tal-pagamenti li l-benefiċjarji jkollhom għand forniturі tas-servizzi tal-pagamenti li jinsabu fi Stati Membri oħra u jkunu aċċessibbli skont dan ir-Regolament.

(18) L-awtoritajiet kompetenti għandu jkollhom is-setgħa li jissodisfaw l-obbligi tagħhom ta' sorveljanza b'mod effikaċi u biex jieħdu l-miżuri kollha meħtieġa sabiex jiżguraw li l-forniturі tas-servizzi tal-pagamenti jkunu konformi ma' dan ir-Regolament.

(19) Huwa meħtieġ li l-Istati Membri jistabbilixxu fil-liġi nazzjonali penalitajiet effettivi, proporzjonali u dissważivi għan-nuqqas ta' konformità ma' dan ir-Regolament.

(20) Sabiex jiżguraw li jkun possibbli rimedju meta dan ir-Regolament ma jiġix applikat sew, l-Istati Membri għandhom jistabbilixxu, lil hinn mill-qrati, proċeduri xierqa u effikaċi tal-ilmenti u r-rimedji għar-risoluzzjoni ta' kwalunkwe tilwima li tqum minħabba f'hekk.

(21) Ikun mixtieq li l-Kummissjoni tippreżenta rapport dwar l-effikaċja tad-dispożizzjonijiet ta' dan ir-Regolament.

(22) Il-Kummissjoni għandha tingħata s-setgħa li tadotta atti delegati skont l-Artikolu 290 tat-Trattat fir-rigward tal-aġġornament tar-rekwiżiti tekniċi għat-trasferimenti tal-kreditu u d-debiti diretti.

(23) Peress li l-forniturі tas-servizzi tal-pagamenti mill-Istati Membri barra ż-żona euro jkollhom iwettqu iżjed xogħol preparatorju, dawn il-forniturі tas-servizzi tal-pagamenti għandhom jitħallew jiddifferixxu l-applikazzjoni ta' dawn ir-rekwiżiti tekniċi għal ċertu perjodu.

(24) Sabiex tissaħħaħ is-sigurtà legali huwa xieraq li l-iskadenzi tat-tariffi tal-interkambju stipulati fl-Artikoli 6 u 7 tar-Regolament (KE) Nru 924/2009 jiġu allenjati mad-dispożizzjonijet stipultai f'dan ir-Regolament.

(25) Ir-Regolment (KE)° Nru 924/2009 għandu jiġi emendat skont dan.

(26) Id-Direttiva 95/46/KE tal-Parlament Ewropew u l-Kunsill tal-24 ta' Ottubru 1995 dwar il-protezzjoni ta' individwi fir-rigward tal-ipproċessar ta' data personali u dwar il-moviment liberu ta' dik id-data[19] tirregola l-ipproċessar tad-dejta personali mwettqa skont dan ir-Regolament.

(27) Il-messaġġi finanzjarji relatati mal-pagamenti u t-trasferimenti fis-SEPA huma barra mill-ambitu tal-Ftehim UE-US tat-8 ta' Lulju 2010 dwar l-ipproċessar u t-trasferiment ta' Data dwar Messaġġi Finanzjarji għall-finijiet tal-Programm dwar ir-Rintraċċar tal-Finanzjament tat-Terroriżmu[20].

(28) Peress li l-għanijiet ta' dan ir-Regolament ma jistgħux jinkisbu b'mod suffiċjenti mill-Istati Membri u għaldaqstant jistgħu, minħabba l-qies jew l-effetti tal-azzjoni, jinkisbu aħjar fil-livell tal-Unjoni, l-Unjoni tista' tadotta miżuri skont il-prinċipju tas-sussidjarjetà kif stabbilit fl-Artikolu 5 tat-Trattat dwar l-Unjoni Ewropea. Skont il-

---

19 ĠU L 281, 23.11.1995, p. 31.
20 ĠU L 195, 27.7.2010, p. 1.

prinċipju tal-proporzjonalità, kif stabbilit f'dak l-Artikolu, dan ir-Regolament ma jmurx lil hinn minn dak li huwa meħtieġ sabiex jintlaħqu dawn l-għanijiet,

ADOTTAW DAN IR-REGOLAMENT:

Artikolu 1
Suġġett u ambitu

1. Dan ir-Regolament jistabbilixxi r-regoli għall-eżekuzzjoni ta' trasferimenti tal-kreditu u ta' tranżazzjonijiet ta' debiti diretti denominati fl-euro fi ħdan l-Unjoni meta kemm il-fornitur tas-servizz tal-pagamenti ta' min iħallas kif ukoll il-fornitur tas-servizz tal-pagamenti tal-benefiċjarju jkunu jinsabu fl-Unjoni, jew meta l-fornitur uniku tas-servizz tal-pagamenti fit-tranżazzjoni tal-pagament ikun jinsab fl-Unjoni.

2. Dan ir-Regolament ma għandux japplika għal dan li ġej:

   (a) tranżazzjonijiet ta' pagament imwettqa internament fi ħdan forniturі tas-servizzi tal-pagamenti kif ukoll tranżazzjonijiet ta' pagamenti bejn forniturі tas-servizzi tal-pagamenti għall-kont tagħhom stess

   (b) tranżazzjonijiet ta' pagamenti proċessati u saldati permezz ta' sistemi ta' pagamenti ta' valur għoli li għalihom kemm l-inizjatur oriġinali u r-reċevitur finali tal-pagament ikun fornitur tas-servizzi tal-pagamenti

   (c) tranżazzjonijiet ta' pagamenti permezz ta' kard tal-pagamenti, inkluż il-ġbid ta' kontanti minn kont tal-pagamenti, jekk ma jirriżultawx fi trasferiment ta' kreditu jew debitu dirett ġo jew minn kont tal-pagament identifikat minn numru bażiku ta' kont bankarju (il-BBAN) jew in-numru internazzjonali ta' kont bankarju (l-IBAN)

   (d) tranżazzjonijiet ta' pagamenti permezz ta' kwalunkwe strument tat-telekomunikazzjoni, diġitali jew tal-IT, jekk ma jirriżultawx fi trasferiment ta' kreditu jew debitu dirett minn ġo jew lejn kont tal-pagament identifikat minn BBAN jew IBAN

   (e) tranżazzjonijiet ta' bgħit ta' flus fejn il-fondi jaslu mingħand min iħallas, mingħajr ma jinħolqu l-ebda kontijiet tal-pagamenti f'isem min iħallas jew il-benefiċjarju, għall-iskop waħdieni ta' trasferiment ta' ammont korrispondenti lill-benefiċjarju jew lil fornitur ieħor tas-servizzi tal-pagamenti li jaġixxi għan-nom tal-benefiċjarju, u/jew meta dawn il-fondi jaslu għan-nom tal-benefiċjarju u jkunu disponibbli għalih.

3. Meta l-iskemi tal-pagamenti jkunu bbażati fuq it-tranżazzjonijiet tal-pagamenti minn trasferimenti tal-kreditu jew debiti diretti iżda jkollhom karatteristiċi addizzjonali, dan ir-Regolament għandu japplika biss għat-trasferimenti tal-kreditu jew d-debiti diretti sottostanti.

Artikolu 2
Definizzjonijiet

Għall-finijiet ta' dan ir-Regolament, għandhom japplikaw id-definizzjonijiet li ġejjin:

(1) 'trasferiment ta' kreditu' tfisser servizz tal-pagamenti għall-kreditjar tal-kont tal-pagamenti ta' benefiċjarju, meta tranżazzjoni tal-pagamenti jew sensiliet ta' tranżazzjonijiet ta' pagament jinbdew minn min iħallas fuq il-bażi tal-kunsens mogħti lill-fornitur tas-servizzi tal-pagamenti tiegħu

(2) 'debitu dirett' tfisser servizz tal-pagamenti għad-debitjar tal-kont tal-pagamenti ta' min iħallas, meta tranżazzjoni ta' pagament tinbeda mill-benefiċjarju abbażi tal-kunsens ta' min iħallas

(3) 'min iħallas' tfisser pesuna naturali jew legali li jkollha kont tal-pagamenti u tippermetti ordni ta' pagament minn dak il-kont tal-pagamenti

(4) 'benefiċjarju' tfisser persuna naturali jew legali li tkun r-reċipjent intiż tal-fondi li kienu s-suġġett tat-tranżazzjoni ta' pagamenti

(5) 'kont tal-pagamenti' tfisser kont miżmum f'isem ta' utent wieħed jew iżjed tas-servizz tal-pagamenti li jintuża għat-twettiq ta' tranżazzjonijiet ta' pagamenti

(6) 'sistema tal-pagamenti' tfisser sistema ta' trasferiment ta' fondi b'arranġamenti formali u standardizzati u regoli komuni għall-ipproċessar, l-ikklerjar u/jew is-saldu ta' tranżazzjonijiet ta' pagament

(7) 'skema tal-pagamenti' tfisser sett ta' regoli, prassi u standards għat-twettiq ta' pagamenti bejn il-parteċipanti tal-iskema, u tkun separata minn kwalunkwe infrastruttura jew sistema tal-pagamenti li tkun kompatibbli mat-tħaddim tagħha bejn l-Istat Membri u fl-istess Stat Membru

(8) 'fornitur tas-servizzi tal-pagamenti' tfisser kwalunkwe mill-kategoriji msemmija fl-Artikolu 1(1) tad-Direttiva 2007/64/KE u l-persuni legali u naturali msemmija fl-Artikolu 26 ta' dik id-Direttiva, iżda eskluži dawk l-istituzzjonijiet elenkati fl-Artikolu 2 tad-Direttiva 2006/48/KE tal-Parlament Europew u tal-Kunsill[21] li jibbenefikaw minn rinunzja ta' Stat Membru eżerċitata skont l-Artikolu 2(3) tad-Direttiva 2007/64/KE

(9) 'utent tas-servizzi tal-pagamenti' tfisser persuna naturali jew legali li tagħmel użu minn servizz tal-pagamenti fil-kapaċità ta' min iħallas jew ta' benefiċjarju jew tat-tnejn li huma

(10) 'tranżazzjoni ta' pagament' tfisser azzjoni ta' trasferiment ta' fondi, mibdija minn min iħallas jew mill-benefiċjarju u irrispettivament minn kwalunkwe obbligu sottostanti bejn min iħallas u l-benefiċjarju

---

[21] ĠU L 177, 30.6.2006, p. 1.

(11) 'ordni ta' pagament' tfisser kwalunkwe struzzjoni minn min iħallas jew mill-benefiċjarju lill-fornitur tas-servizzi tal-pagamenti tiegħu li titlob it-twettiq ta' tranżazzjoni ta' pagament

(12) 'tariffa tal-interkambju' tfisser tariffa mħallsa bejn il-forituri tas-servizz tal-pagamenti ta' min iħallas u tal-benefiċjarju għal kull tranżazzjoni ta' debitu dirett

(13) 'tariffa tal-interkambju multilaterali' tfisser tariffa tal-interkambju li hija suġġetta għal ftehim kollettiv bejn il-forituri tas-servizzi tal-pagamenti

(14) 'BBAN' tfisser identifikatur tan-numru tal-kont bankarju tal-pagament, li b'mod uniku jidentifika kont individwali b'fornitur tas-servizzi tal-pagamenti fi Stat Membru u li jista' jintuża biss għal tranżazzjonijiet nazzjonali

(15) 'IBAN' tfisser identifikatur tan-numru tal-kont tal-pagamenti internazzjonali, li b'mod uniku jidentifika kont individwali b'fornitur tas-servizzi tal-pagamenti uniku fi Stat Membru, li l-elementi tiegħu huma speċifikati bl-ISO 13616, stabbilit mill-Organizzazzjoni Internazzjonali għall-Istandardizzazzjoni (ISO)

(16) 'BIC' tfisser kodiċi li b'mod mhux ambigwu jidentifika fornitur tas-servizzi tal-pagamenti, li l-elementi tiegħu huma speċifikati bl-ISO 13616, stabbilit mill-Organizzazzjoni Internazzjonali għall-Istandardizzazzjoni (ISO)

(17) 'L-istandard ISO 20022 XML' tfisser standard għall-iżvilupp ta' messaġġi finanzjarji elettroniċi kif definiti mill-Organizzazzjoni Internazzjonali għall-Istandardizzazzjoni (ISO), li jkopri r-rappreżentazzjoni fiżika tat-tranżazzjonijiet tal-pagamenti fis-sintassi XML, skont ir-regoli tan-negozju u l-linji gwida tal-implimentazzjoni ta' skemi għall-Unjoni kollha għal tranżazzjonijiet ta' pagament fl-ambitu ta' dan ir-Regolament.

Artikolu 3
Aċċessibbiltà

Fornitur tas-servizzi tal-pagamenti aċċessibbli għal trasferiment tal-kreditu nazzjonali jew għal tranżazzjoni ta' debitu dirett denominat fl-euro f'kont tal-pagamenti indikat għandu jkun aċċessibbli, skont ir-regoli tal-iskema tal-pagamenti, għat-trasferimenti tal-krediti u t-tranżazzjonijiet tad-debiti diretti mibdija permezz ta' fornitur tas-servizzi tal-pagamenti li jinsab fi kwalunkwe Stat Membru.

Artikolu 4
Interoperabilità

1. Il-forituri tas-servizzi tal-pagamenti għandhom iwettqu trasferimenti ta' kreditu u debiti diretti skont skema tal-pagamenti li tkun konformi mal-kundizzjonijiet li ġejjin:

   (a) ir-regoli tagħha jkun l-istess għat-trasferimenti ta' kreditu u tranżazzjonijiet ta' debiti diretti nazzjonali jew transkonfinali bejn l-Istati Membri u fl-istess Stat Membru

(b) il-parteċipanti fl-iskema jirrappreżentaw il-maġġoranza tal-forniturі tas-servizzi tal-pagamenti fi ħdan il-maġġoranza tal-Istati Membri.

2. Is-sistemi tal-pagamenti u fejn applikabbli, l-iskemi tal-pagamenti għandhom ikunu teknikament interoperabbli permezz tal-użu ta' standards żviluppati minn korpi tal-istandardizzazzjoni internazzjonali jew Ewropej.

3. L-ipproċessar tat-trasferimenti tal-kreditu u d-debiti diretti ma għandux jiġi mfixkel b'ostakli tekniċi.

Artikolu 5
Rekwiżiti għat-trasferiment tal-kreditu u t-tranżazzjonijiet tad-debiti diretti

1. Sa mhux iżjed tard minn [*daħħal data konkreta* 12–il xahar wara d-dħul fis-seħħ ta' dan ir-Regolament], it-trasferimenti tal-kreditu għandhom jitwettqu skont ir-rekwiżiti tekniċi stipulati fil-punti 1 u 2 tal-Anness.

2. Sa mhux iżjed tard minn [*daħħal data konkreta* 24–il xahar wara d-dħul fis-seħħ ta' dan ir-Regolament], id-debiti diretti għandhom jitwettqu skont l-Artikolu 6 u r-rekwiżiti tekniċi stipulati fil-punti 1 u 3 tal-Anness.

3. Minkejja l-paragrafi 1 u 2, l-Istati Membri jistgħu jistabbilixxu dati abkar minn dawk imsemmija fil-paragrafi 1 u 2.

4. Il-Kummissjoni tista' temenda l-Anness sabiex tikkunsidra l-progress tekniku u l-iżviluppi fis-suq. Dawk il-miżuri għandhom jiġu adottati permezz ta' atti delegati skont il-proċedura stabbilita fl-Artikolu 12.

Artikolu 6
Tariffi tal-interkambju għal tranżazzjonijiet ta' debiti diretti

1. Mingħajr preġudizzju għall-paragrafu 2, l-ebda tariffa tal-interkambju multilaterali għal kull tranżazzjoni ta' debitu dirett jew rimunerazzjoni oħra miftiehma b'għan jew effett ekwivalenti ma għandha tapplika għat-tranżazzjonijiet ta' debiti diretti.

2. Għal tranżazzjonijiet ta' debiti diretti li ma jistgħux jitwettqu b'mod xieraq minn fornitur tas-servizzi tal-pagamenti għax l-ordni tal-pagament tiġi miċħuda, irrifjutata, irritornata jew riversjata (tranżazzjonijiet-R) u li jitwettqu minn forniturі tas-servizzi tal-pagamenti, tista' tiġi applikata tariffa tal-interkambju sakemm jiġu ssodisfati l-kundizzjonijiet li ġejjin:

(a) l-arranġament għandu jkollu l-għan li l-kostijiet jiġu allokati lill-parti li tkun kkawżat it-tranżazzjoni-R, filwaqt li titqies l-eżistenza tal-kostijiet tat-tranżazzjoni u l-għan tal-protezzjoni tal-konsumatur

(b) it-tariffi għandhom ikunu ibbażati strettament fuq il-kost

(c) il-livell tat-tariffi ma għandux jaqbeż l-kostijiet attwali tat-trattament ta' tranżazzjoni-R mill-iżjed fornitur tas-servizzi tal-pagamenti kosteffikaċi

komparabbli li jkun parti rappreżentattiva fl-arranġament multilaterali f'termini ta' volum ta' tranżazzjonijiet u n-natura tas-servizzi

(d) l-applikazzjoni tat-tariffi skont il-punti (a), (b) u (c) għandha tipprevjeni lill-fornituri tas-servizzi tal-pagamenti milli jimponu tariffi addizzjonali relatati mal-kostijiet koperti minn dawn it-tariffi tal-interkambju fuq l-utenti tas-servizz tal-pagamenti rispettivi tagħhom

(e) ma għandu jkun hemm l-ebda alternattiva prattika u ekonomikament vijabbli għall-ftehim kollettiv li tista' twassal għal trattament ugwalment effikaċi jew aktar tat-tranżazzjonijiet-R b'kost indaqs jew anqas għall-konsumaturi.

Għall-iskopijiet tal-ewwel subparagrafu, kategoriji tal-kostijiet li huma direttament u b'mod inekwivoku rilevanti għat-trattament tat-tranżazzjoni-R biss għandhom jitqiesu fil-kalkolu tat-tariffi tat-tranżazzjoni-R. Dawn il-kostijiet għandhom jiġu ddeterminati b'mod preċiż. It-tqassim tal-ammont tal-kostijiet, inkluża l-identifikazzjoni separata ta' kull waħda mill-komponenti tiegħu, għandhom jiffurmaw parti mill-ftehim kollettiv sabiex jippermettu verifika u sorveljanza faċili.

3. Il-paragrafu 1 u l-kundizzjonijiet stipulati fil-punti (a), (b) u (d) tal-paragrafu 2 għandhom japplikaw ukoll għall-arranġamenti bilatreli u unilaterali li għandhom għan jew effett ekwivalenti.

Artikolu 7
Rinunzja

1. L-Istati Membri jistgħu jippermettu lill-awtoritajiet kompetenti tagħhom li jirrinunzjaw għar-rekwiżiti kollha, jew uħud minnhom, li huma stabbiliti fil-paragrafi 1, 2 u 3 tal-Artikolu 5 sa [*daħħal data konkreta* 36 xahar wara d-dħul fis-seħħ ta' dan ir-Regolament] għal dawk it-trasferimenti ta' kreditu jew it-tranżazzjonijiet ta' debiti diretti b'sehem kumulattiv fis-suq, fuq il-bażi tal-istatistika uffiċjali tal-pagamenti ppubblikata annwalment mill-Bank Ċentrali Ewropew, ta' inqas minn 10% tal-għadd totali tat-trasferiment tal-kreditu jew it-tranżazzjonijiet tad-debiti diretti rispettivament, f'dak l-Istat Membru.

2. L-Istati Membri jistgħu jippermettu lill-awtoritajiet kompetenti tagħhom jirrinunzjaw għar-rekwiżiti kollha, jew uħud minnhom, li huma stabbiliti fil-paragrafi 1, 2 u 3 tal-Artikolu 5 sa [*daħħal data konkreta* 60 xahar wara d-dħul fis-seħħ ta' dan ir-Regolament] għal dawk it-tranżazzjonijiet ta' pagament mibdija permezz ta' kard tal-pagament fil-punt tal-bejgħ li jirriżultaw f'debitu dirett minn kont tal-pagamenti identifikat minn BBAN jew IBAN.

3. Meta Stat Membru jippermetti lill-awtoritajiet kompetenti japplikaw ir-rinunzja pprovduta fil-paragrafi 1 u 2, għandu jinnotifika b'dan lill-Kummissjoni sa [*daħħal data konkreta* 6 xhur wara d-dħul fis-seħħ ta' dan ir-Regolament]. L-Istat Membru għandu jinnotifika minnufih lill-Kummissjoni bi kwalunkwe bidla sussegwenti.

Artikolu 8
Aċċessibbiltà tal-pagamenti

1. Persuna li tagħmel trasferimenti ta' kreditu biex tittrasferixxi fondi minn kont tal-pagamenti tagħha għal kontijiet oħra tal-pagamenti għand forniturі ta' servizzi tal-pagamenti li jinsabu fl-istess Stat Membru ma għandhiex tirrifjuta li tagħmel trasferimenti ta' kreditu għal kontijiet tal-pagamenti għand forniturі ta' servizzi tal-pagamenti li jinsabu fi Stat Membru ieħor u li jkunu aċċessibbli skont l-Artikolu 3.

2. Benefiċjarju li juża debiti diretti biex jirċievi l-fondi fil-kont tal-pagamenti tiegħu minn kontijiet oħra tal-pagamenti għand forniturі ta' servizzi tal-pagamenti li jinsabu fl-istess Stat Membru ma għandux jirrifjuta li jirċievi debiti diretti minn kontijiet tal-pagamenti għand forniturі ta' servizzi tal-pagamenti li jinsabu fi Stat Membru ieħor u li jkunu aċċessibbli skont l-Artikolu 3.

Artikolu 9
Awtoritajiet kompetenti

1. L-Istati Membri għandhom jinnominaw bħala l-awtoritajiet kompetenti responsabbli biex jiżguraw il-konformità ma' dan ir-Regolament, jew awtoritajiet pubbliċi, jew korpi rikonnoxxuti mil-liġi nazzjonali jew awtoritajiet pubbliċi li espliċitament tingħatalhom is-setgħa għal dak il-għan mil-liġi nazzjonali, fosthom banek ċentrali nazzjonali. L-Istati Membri jistgħu jinnominaw korpi eżistenti biex jagħmluha ta' awtoritajiet kompetenti.

2. L-Istati Membri għandhom jinnotifikaw lill-Kummissjoni bil-korpi msemmija fil-paragrafu 1 sa [*daħħal data konkreta* 6 xhur wara d-dħul fis-seħħ ta' dan ir-Regolament]. Għandhom jinnotifikaw lill-Kummissjoni mingħajr dewmien bi kwalunkwe bidla sussegwenti li tikkonċerna lil dawn l-awtoritajiet.

3. L-Istati Membri għandhom jiżguraw li l-awtoritajiet kompetenti msemmija fil-paragrafu 1 ikollhom il-poteri kollha meħtieġa biex iwettqu dmirijiethom. Meta fuq it-territorju tagħhom ikun hemm aktar minn awtorità kompetenti waħda għall-kwistjonijiet koperti minn dan ir-Regolament, l-Istati Membri għandhom jiżguraw li dawn l-awtoritajiet jikkooperaw mill-qrib ħalli jkunu jistgħu jwettqu d-dmirijiet rispettivi tagħhom b'mod effikaċi.

4. L-awtoritajiet kompetenti għandhom jissorveljaw il-konformità ma' dan ir-Regolament b'mod effettiv u jieħdu l-miżuri kollha meħtieġa sabiex jiżguraw din il-konformità.

Artikolu 10
Penalitajiet

L-Istati Membri għandhom sa [*daħħal data konkreta* 6 xhur wara d-dħul fis-seħħ ta' dan ir-Regolament], jistabbilixxu regoli dwar il-penalitajiet applikabbli għall-ksur f'dan ir-Regolament u għandhom jieħdu l-passi kollha meħtieġa biex jiżguraw li dawn jiġu implimentati. Dawn il-penalitajiet għandhom ikunu effettivi, proporzjonali u dissważivi. L-Istati Membri għandhom jinnotifikaw lill-Kummissjoni b'dawn id-dispożizzjonijiet sa [*daħħal data konkreta* 12–il xahar wara d-dħul fis-seħħ ta' dan ir-Regolament] u għandhom jinnotifikawha mingħajr dewmien bi kwalunkwe emenda sussegwenti li tolqothom.

Artikolu 11
Proċeduri ta' ilmenti u rimedju barra mill-Qorti

1. L-Istati Membri għandhom jistabbilixxu proċeduri xierqa u effettivi ta' ilmenti u rimedji barra mill-Qorti għas-soluzzjoni ta' tilwimiet li jqumu taħt dan ir-Regolament bejn utenti tas-servizz tal-pagamenti u l-fornituri tas-servizzi tal-pagamenti tagħhom. Għal dawn il-finijiet, l-Istati Membri għandhom jinnominaw il-korpi eżistenti, fejn xieraq, jew jistabbilixxu korpi ġodda.

2. L-Istati Membri għandhom jinnotifikaw lill-Kummissjoni bil-korpi msemmija fil-paragrafu 1 sa [*daħħal data konkreta* 6 xhur wara d-dħul fis-seħħ ta' dan ir-Regolament]. Għandhom jinnotifikaw lill-Kummissjoni mingħajr dewmien bi kwalunkwe bidla sussegwenti li tikkonċerna lil dawn il-korpi.

Artikolu 12
Eżerċizzju ta' setgħat delegati

1. Il-Kummissjoni għandha tingħata s-setgħat li tadotta l-atti delegati msemmija fl-Artikolu 5(4) għal perjodu ta' żmien indeterminat. Fejn ikun meħtieġ minħabba raġunijiet imperattivi ta' urġenza, għandu japplika l-Artikolu 15.

2. Hekk kif tadotta att delegat, il-Kummissjoni għandha simultanjament tinnotifika lill-Parlament Europew u l-Kunsill b'dak l-att.

3. Is-setgħat biex jiġu adottati l-atti delegati jingħataw lill-Kummissjoni bil-kundizzjonijiet stabbiliti fl-Artikoli 13 u 14.

Artikolu 13
Revoka tad-delega

1. Id-delega tas-setgħa msemmija fl-Artikolu 5(4) tista' tiġi rrevokata fi kwalunkwe waqt mill-Parlament Europew jew mill-Kunsill.

2. L-istituzzjoni li tkun bdiet proċedura interna sabiex jiġi deċiż jekk għandhiex tiġi revokata d-delega tas-setgħa, għandha tagħmel l-almu tagħha biex tinforma lill-istituzzjoni oħra u lill-Kummissjoni fi żmien raġonevoli qabel tittieħed id-deċiżjoni finali u li tindika s-setgħat delegati li jistgħu jkunu suġġetti għar-revoka u r-raġunijiet għal revoka.

3. Id-deċiżjoni tar-revoka għandha ġġib fi tmiemha d-delega tas-setgħat speċifikati f'dik id-deċiżjoni. Għandha tibda tgħodd minnufih jew f'data iżjed tard speċifikata fiha. Ma għandhiex taffetwa l-validità tal-atti delegati diġà fis-seħħ. Għandha tiġi ppubblika f'*Il-Ġurnal Uffiċjali tal-Unjoni Ewropea*.

Artikolu 14
Oġġezzjonijiet għall-atti delegati

1. Il-Parlament Ewropew u l-Kunsill jistgħu joġġezzjonaw għall-att delegat fi żmien perjodu ta' xahrejn mid-data tan-notifika. Fuq l-inizjattiva tal-Parlament Ewropew jew tal-Kunsill, dan il-perjodu għandu jiġi estiż b'xahar.

2. Jekk, mal-iskadenza ta' dak il-perjodu, la l-Parlament Europew u lanqas il-Kunsill ma jkunu oġġezzjonaw għall-att delegat, l-att għandu jiġi ppubblikat f'*Il-Ġurnal Uffiċjali tal-Unjoni Europea* u għandu jidħol fis-seħħ fid-data msemmija fid-dispożizzjonijiet tiegħu.

   L-att delegat jista' jiġi ppubblikat f'*Il-Ġurnal Uffiċjali tal-Unjoni Ewropea* u jidħol fis-seħħ qabel l-iskadenza ta' dak il-perjodu jekk il-Parlament Europew u l-Kunsill ikunu t-tnejn infurmaw lill-Kummissjoni bl-intenzjoni tagħhom li ma jqajmux oġġezzjonijiet.

3. Jekk il-Parlament Europew jew il-Kunsill joġġezzjonaw għall-att delegat adottat, ma għandux jidħol fis-seħħ. L-istituzzjoni li toġġezzjona għandha tiddikjara r-raġunijiet tal-oġġezzjoni għall-att delegat.

Artikolu 15
Proċedura ta' urġenza

1. Att delegat adottat skont il-proċedura tal-urġenza għandu jidħol fis-seħħ mingħajr dewmien u japplika sakemm ma tiġi espressa l-ebda oġġezzjoni skont il-paragrafu 2. In-notifika tal-att lill-Parlament Europew u lill-Kunsill għandha tiddikjara r-raġunijiet għall-użu tal-proċedura ta' urġenza.

2. Il-Parlament Ewropew u l-Kunsill jistgħu joġġezzjonaw fi żmien perjodu ta' sitt ġimgħat mid-data tan-notifika dwar l-att delegat. F'dan il-każ, l-att ma għandux jibqa' applikabbli. L-istituzzjoni li toġġezzjona għandha tiddikjara r-raġunijiet tal-oġġezzjoni għall-att delegat.

Artikolu 16
Eżami

Sa [*daħħal data konkreta* 3 snin wara d-dħul fis-seħħ], il-Kummissjoni għandha tippreżenta lill-Parlament Ewropew, il-Kunsill, il-Kumitat Ekonomiku u Soċjali Ewropew u l-Bank Ċentrali Ewropew, rapport dwar l-applikazzjoni ta' dan ir-Regolament akkompanjat, jekk ikun xieraq, bi proposta.

Artikolu 17
Dispożizzjonijiet tranżizzjonali

1. Il-forniturі tas-servizzi tal-pagamenti li jinsabu fi Stat Membru li ma għandux l-euro bħala l-munita tiegħu għandhom jikkonformaw mal-Artikolu 3 sal-31 ta' Ottubru 2014. Jekk, madankollu, l-euro jiġi introdott bħala l-munita ta' kwalunkwe minn dawn l-Istat Membri qabel l-1 ta' Novembru 2013, il-forniturі tas-

servizzi tal-pagamenti li jinsabu f'dak l-Istat Membru għandhom jikkonformaw mal-Artikolu 3 fi żmien sena mid-data li fiha l-Istat Membru konċernat jidħol fiż-żona euro.

2. Il-forniturі tas-servizzi tal-pagamenti li jinsabu fi Stat Membru li ma għandux l-euro bħala l-munita tiegħu għandhom jikkonformaw mar-rekwiżiti tal-Artikoli 4 u fil-punti 1 u 2 tal-Anness għat-trasferimenti ta' krediti denominati fl-euro u mar-rekwiżiti stipulati fl-Artikoli 4 u fil-punti 1 u 3 tal-Anness tad-debiti diretti denominati fl-euro sa [*daħħal data konkreta* 4 snin wara d-dħul fis-seħħ ta' dan ir-Regolament]. Jekk, madankollu, l-euro jiġi introdott bħala l-munita ta' kwalunkwe minn dawn l-Istati Membri qabel [*daħħal data konkreta* 3 snin wara d-dħul fis-seħħ ta' dan ir-Regolament], il-forniturі tas-servizzi tal-pagamenti li jinsabu f'dak l-Istat Membru għandhom jikkonformaw ma' dawk ir-rekwiżiti fi żmien sena mid-data li fiha l-Istat Membru kkonċernat ikun daħal fiż-żona euro.

Artikolu 18
Emenda tar-Regolament (KE) Nru 924/2009

Ir-Regolment (KE) Nru 924/2009 għandu jiġi emendat kif ġej:

1. Fl-Artikolu 6 u l-kliem, "qabel l-1 ta' Novembru 2012" għandu jiġu ssostitwit b'dan li ġej: "qabel [*daħħal data konkreta* 24 xahar wara d-dħul fis-seħħ ta' dan ir-Regolament]".

2. L-Artikolu 7 għandu jiġi emendat kif ġej:

   (a) fil-paragrafu 1 u l-kliem, "qabel l-1 ta' Novembru 2012" għandu jiġu ssostitwit b'dan li ġej: "qabel [*daħħal data konkreta* 24 xahar wara d-dħul fis-seħħ ta' dan ir-Regolament]".

   (b) fil-paragrafu 2 u l-kliem, "qabel l-1 ta' Novembru 2012" għandu jiġu ssostitwit b'dan li ġej: "qabel [*daħħal data konkreta* 24 xahar wara d-dħul fis-seħħ ta' dan ir-Regolament]".

   (c) fil-paragrafu 3 u l-kliem, "qabel l-1 ta' Novembru 2012" għandu jiġu ssostitwit b'dan li ġej: "qabel [*daħħal data konkreta* 24 xahar wara d-dħul fis-seħħ ta' dan ir-Regolament]".

3. L-Artikolu 8 għandu jiġi mħassar.

Artikolu 19
Dħul fis-seħħ

Dan ir-Regolament għandu jidħol fis-seħħ fil-ġurnata wara dik tal-pubblikazzjoni tiegħu f'*Il-Ġurnal Uffiċjali tal-Unjoni Ewropea*.

Dan ir-Regolament għandu jorbot fl-intier tiegħu u huwa direttament applikabbli fl-Istati Membri kollha.

Magħmul fi Brussell,

Għall-Parlament Ewropew	*Għall-Kunsill*
Il-President	*Il-President*

ANNESS
REKWIŻITI TEKNIĊI (ARTIKOLU 5)

(1) Ir-rekwiżiti tekniċi li ġejjin għandhom japplikaw kemm għat-**trasferimenti ta' krediti** kif ukoll għat-**tranżazzjonijiet ta' debiti** diretti:

(a) Il-forituri tas-servizzi tal-pagamenti u l-utenti tas-servizzi tal-pagamenti għandhom jużaw l-IBAN għall-identifikazzjoni tal-kontijiet tal-pagamenti irrispettivament minn jekk kemm il-fornitur tas-servizz tal-pagamenti ta' min iħallas kif ukoll il-fornitur tas-servizz tal-pagamenti tal-benefiċjarju humiex jew l-uniku fornitur tas-servizzi tal-pagamenti fit-tranżazzjoni tal-pagament, humiex fl-istess Stat Membru jew jekk wieħed mill-forituri tas-servizzi tal-pagamenti jinsabx fi Stat Membru ieħor.

(b) Il-forituri tas-servizzi tal-pagamenti għandhom jużaw il-forom tal-messaġġi bbażati fuq l-istandard ISO 20022 XML meta ssir it-trażmissjoni tat-tranżazzjonijiet tal-pagamenti lil fornitur ieħor tas-servizz tal-pagamenti jew lil xi sistema tal-pagamenti.

(c) Meta l-utent tas-servizzi tal-pagamenti jagħti bidu jew jirċievi trasferimenti individwali ta' fondi li jiġu trażmissi flimkien, għandhom jintużaw formati tal-messaġġi bbażati fuq l-istandard ISO 20022 XML.

(d) Il-kaxxa tad-dejta tar-rimessa għandha tippermetti 140 karattru. L-iskemi tal-pagamenti jistgħu jippermettu għal għadd ogħla ta' karattri, ħlief jekk it-tagħmir użat għall-informazzjoni tar-rimessa jkollu limitazzjonijiet tekniċi, f'liema każ għandu japplika l-limitu tekniku tat-tagħmir.

(e) L-informazzjoni ta' referenza tar-rimessa u l-elementi tad-dejta l-oħra kollha pprovduti skont il-punti 2 u 3 ta' dan l-Anness, għandhom jgħaddu mingħand fornitur tas-servizzi tal-pagamenti għall-ieħor b'mod sħiħ u mingħajr alterazzjoni tul il-katina kollha tal-pagamenti.

(f) Ladarba d-dejta tkun disponibbli f'forma elettronika, it-tranżazzjonijiet tal-pagamenti għandhom jippermettu pproċessar awtomatizzat u elettroniku sħiħ fl-istadji kollha tal-proċess tul il-katina tal-pagamenti (ipproċessar awtomatiku mill-bidu sal-aħħar), li jippermetti li l-proċess sħiħ tal-pagamenti jitwettaq elettronikament mingħajr il-bżonn ta' dħul mill-ġdid ta' dejta jew intervent manwali. Dan għandu japplika wkoll għall-maniġġ eċċezzjonali ta' trasferiment tal-kreditu u ta' tranżazzjonijiet ta' debiti diretti, kull fejn hu possibbli.

(g) L-iskemi tal-pagamenti ma għandhom jistabbilixxu l-ebda livell minimu għall-ammont tat-tranżazzjoni tal-pagamenti li jippermettu trasferimenti ta' kreditu u debiti diretti.

(h) L-iskemi tal-pagament ma għandhomx ikun obbligati jwettqu trasferimenti ta' kreditu u debiti diretti li jaqbżu l-ammont ta' EUR 999 999 999,99.

(2) Minbarra r-rekwiżiti msemmija fil-punt (1), ir-rekwiżiti li ġejjin għandhom japplikaw għat-tranżazzjonijiet ta' **trasferiment tal-kreditu**:

(a) il-benefiċjarju li jaċċetta t-trasferimenti tal-kreditu għandu jikkomunika l-IBAN u l-BIC tal-fornitur tas-servizzi tal-pagamenti tiegħu lil ikun qed iħallas, kull darba li jiġi mitlub trasferiment ta' kreditu.

(b) L-elementi tad-dejta obbligatorji li ġejjin għandhom jiġu pprovduti minn min iħallas lill-fornitur tas-servizzi tal-pagamenti tiegħu u għandhom jgħaddu tul il-katina tal-pagamenti lill-benefiċjarju skont l-obbligi stabbiliti fil-liġi nazzjonali li timplimenta d-Direttiva 95/46/KE:

(i) l-isem ta' min iħallas u/ jew l-IBAN tal-kont ta' min iħallas

(ii) l-ammont tat-trasferiment ta' kreditu

(iii) l-IBAN tal-kont tal-benifiċjarju

(iv) l-isem tal-benefiċjarju

(v) l-informazzjoni tal-rimessa, jekk ikun hemm.

(c) Barra minn hekk, l-elementi tad-dejta obbligatorja li ġejjin għandhom jiġu pprovduti mill-fornitur tas-servizz tal-pagamenti ta' min iħallas lill-fornitur tas-servizzi tal-pagamenti tal-benefiċjarju:

(i) il-BIC tal-fornitur tas-servizzi tal-pagamenti ta' min iħallas (jekk mhux miftiehem mod ieħor mill-forniturі tas-servizzi tal-pagament involut fit-tranżazzjoni tal-pagament);

(ii) il-BIC tal-fornitur tas-servizzi tal-pagamenti tal-benefiċjarju (jekk mhux miftiehem mod ieħor mill-forniturі tas-servizzi tal-pagament involut fit-tranżazzjoni tal-pagament)

(iii) il-kodiċi tal-identifikazzjoni tal-iskema tal-pagamenti

(iv) id-data tas-saldu tat-trasferiment tal-kreditu

(v) in-numru ta' referenza tal-messaġġ tat-trasferiment tal-kreditu tal-fornitur tas-servizzi tal-pagamenti.

(3) Barra mir-rekwiżiti msemmija fil-punt (1), ir-rekwiżiti li ġejjin għandhom japplikaw għal tranżazzjonijiet ta' **debiti diretti**:

(a) Min iħallas għandu jikkomunika l-IBAN tiegħu u, fejn applikabbli, il-BIC tal-fornitur tas-servizzi tal-pagamenti tiegħu lill-benefiċjarju tiegħu darba biss qabel l-ewwel tranżazzjoni ta' debitu dirett lill-benefiċjarju tiegħu.

(b) Mal-ewwel tranżazzjoni ta' debitu dirett u tranżazzjonijiet ta' darba ta' debitu dirett u ma' kull tranżazzjoni ta' debitu dirett sussegwenti, il-benefiċjarju għandu jibgħat l-informazzjoni relatata mal-mandat tiegħu lill-fornitur tas-servizzi tal-pagamenti tiegħu. Il-fornitur tas-servizzi tal-pagamenti tal-benefiċjarju għandu jittrażmetti din l-informazzjoni relatata mal-mandat lill-fornitur tas-servizzi tal-pagamenti ta' min iħallas ma' kull tranżazzjoni ta' debitu dirett.

(c) Min iħallas għandu jkollu l-possibbiltà li jagħti istruzzjonijiet lill-fornitur tas-servizzi tal-pagamenti tiegħu biex jillimita l-ġbir tad-debitu dirett għal ċertu ammont jew perjodiċità, jew it-tnejn.

(d) Meta l-ftehim bejn min iħallas u l-benefiċjarju jeskludi d-dritt għal rifużjoni, il-fornitur tas-servizzi tal-pagamenti ta' min iħallas għandu, fuq talba ta' min iħallas, jivverifika kull tranżazzjoni ta' debitu dirett, biex jara jekk l-ammont tat-tranżazzjoni tad-debitu dirett sottomessa huwiex ugwali għall-ammont miftiehem fil-mandat, qabel ma jiġi ddebitat il-kont ta' min iħallas fuq il-bażi tal-informazzjoni relatata mal-mandat.

(e) Min iħallas għandu jkollu l-għażla li jagħti struzzjonijiet lill-fornitur tas-servizzi tal-pagamenti biex jimblokka kwalunkwe debitu dirett fil-kont ta' min iħallas jew li jimblokka kwalunkwe debitu dirett li jiġi minn benefiċjarju speċifikat wieħed jew aktar jew li jawtorizza biss debiti diretti li jiġu minn benefiċjarju speċifikat wieħed jew aktar.

(f) Il-kunsens għandu jingħata kemm lill-benefiċjarju kif ukoll lill-fornitur tas-servizzi tal-pagamenti ta' min iħallas (direttament jew indirettament permezz tal-benefiċajru) u l-mandati, flimkien ma' modifiki u/jew kanċellament li jsiru wara, għandhom jinħażnu mill-benefiċjaru jew minn parti terza għan-nom tal-benefiċjarju.

(g) L-elementi tad-dejta obbligatorji li ġejjin għandhom jiġu pprovduti mill-benefiċjarju lill-fornitur tas-servizzi tal-pagamenti tiegħu u jiġu mgħoddija lil min iħallas tul il-katina tal-pagamenti.

(i) it-tip ta' debitu dirett (rikorrenza, ta' darba, l-ewwel, l-aħħar jew irriversjar)

(ii) l-isem tal-benefiċjarju

(iii) l-IBAN tal-kont tal-pagamenti tal-benefiċjarju li għandu jiġi kkreditat għall-ġbir

(iv) l-isem ta' min iħallas

(v) l-IBAN tal-kont tal-pagamenti ta' min iħallas li għandu jiġi ddebitat għall-ġbir

(vi) ir-referenza unika tal-mandat

(vii) id-data tal-iffirmar tal-mandat

(viii) l-ammont tal-ġbir

(ix) ir-referenza unika tal-mandat kif mogħtija mill-benefiċjarju oriġinali li ħareġ il-mandat (jekk il-mandat ikun għadda għand benefiċjarju ieħor li mhuwiex il-benefiċjaru li jkun ħareġ il-mandat)

(x) l-identifikatur tal-benefiċjarju

(xi) l-identifikatur tal-benefiċjaru oriġinali li ħareġ il-mandat (jekk il-mandat ikun għadda għand benefiċjaru ieħor li mhuwiex il-benefiċjaru li jkun ħareġ il-mandat)

(xii) l-informazzjoni ta' rimessa mingħand il-benefiċjaru lil min iħallas, jekk ikun hemm.

(h) Barra minn hekk, l-elementi tad-dejta mandatorja li ġejjin għandhom jiġu pprovduti mill-fornitur tas-servizzi tal-pagamenti tal-benefiċjaru lill-fornitur tas-servizzi tal-pagamenti ta' min iħallas.

(i) il-kodiċi BIC tal-fornitur tas-servizzi tal-pagamenti tal-benefiċjarju (jekk mhux miftiehem mod ieħor mill-forniturі tas-servizzi tal-pagament involuti fit-tranżazzjoni tal-pagament)

(ii) il-kodiċi BIC tal-fornitur tas-servizzi tal-pagamenti ta' min iħallas (jekk mhux miftiehem mod ieħor mill-forniturі tas-servizzi tal-pagament involut fit-tranżazzjoni tal-pagament);

(iii) l-isem tal-parti ta' referenza ta' min iħallas (jekk preżenti fil-mandat dematerjalizzat)

(iv) il-kodiċi tal-identifikazzjoni tal-parti ta' referenza ta' min iħallas (jekk preżenti fil-mandat dematerjalizzat)

(v) l-isem tal-parti ta' referenza tal-benefiċjaru (jekk preżenti fil-mandat dematerjalizzat)

(vi) il-kodiċi tal-identifikazzjoni tal-parti ta' referenza tal-benefiċjarju (jekk preżenti fil-mandat dematerjalizzat)

(vii) il-kodiċi tal-identifikazzjoni tal-iskema tal-pagamenti

(viii) id-data tas-saldu tal-ġbir

(ix) ir-referenza tal-fornitur tas-servizzi tal-pagamenti tal-benefiċjaru għall-ġbir

(x) it-tip ta' mandat

(xi) id-data dovuta għall-ġbir.